Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2080(INL)

1.9.2025

EMENDI
258 - 576

Abbozz ta' rapport
Andrzej Buła
(PE774.283v02-00)

Id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol – tiswir tal-futur tax-xogħol
(2025/2080(INL))

Emenda 258
Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Letizia Moratti, Giusi Princi, Raúl de la Hoz Quintano, Miriam Lexmann, Henrik Dahl, Maravillas Abadía Jover, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 259
Francesco Torselli, Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 260
Irena Joveva
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Titolu tal-proposta mitluba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar ***il-ġestjoni*** algoritmika fuq il-post tax-xogħol	dwar ***l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni*** algoritmika fuq il-post tax-xogħol

Or. en

Emenda 261
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(1) L-iskala, il-profondità u l-pass rapidu bla preċedent tat-trasformazzjoni, u l-impatt profond tagħha fuq ix-xejriet tax-xogħol jippreżentaw sfidi trażversali li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni.	(1) L-iskala, il-profondità u l-pass rapidu bla preċedent tat-trasformazzjoni, u l-impatt profond tagħha fuq ix-xejriet tax-xogħol ***u fuq il-ħaddiema*** jippreżentaw sfidi trażversali li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 262
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(1) L-iskala, il-profondità u l-pass rapidu bla preċedent tat-trasformazzjoni, u l-impatt profond tagħha fuq ix-xejriet tax-xogħol jippreżentaw sfidi trażversali li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni.	(1) L-iskala, il-profondità u l-pass rapidu bla preċedent tat-trasformazzjoni ***diġitali***, u l-impatt profond tagħha fuq ix-xejriet tax-xogħol jippreżentaw sfidi trażversali li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 263
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(1) L-iskala, il-profondità u l-pass rapidu bla preċedent tat-trasformazzjoni, u l-impatt profond tagħha fuq ix-xejriet tax-xogħol jippreżentaw sfidi trażversali li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni.	(1) L-iskala, il-profondità u l-pass rapidu bla preċedent tat-trasformazzjoni ***diġitali***, u l-impatt profond tagħha fuq ix-xejriet tax-xogħol jippreżentaw sfidi trażversali li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 264
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1a) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika għall-ħaddiema li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, minn ftehimiet kollettivi jew minn prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, billi jiġu kkunsidrati l-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti tal-Ġustizzja) għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem. Dment li jissodisfaw dawk il-kriterji, il-ħaddiema kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku, kif ukoll il-ħaddiema domestiċi, il-ħaddiema fuq talba, il-ħaddiema intermittenti, il-ħaddiema li jitħallsu bil-vawċers, il-ħaddiema tal-pjattaformi, it-trainees, l-apprendisti u ħaddiema oħra mhux standard, kif ukoll il-haddiema b'impjieg indipendenti fittizju u ħaddiema mhux iddikjarati jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-abbuż tal-istatus ta' persuni li jaħdmu għal rashom, kif definit fid-dritt nazzjonali, sew f'sitwazzjonijiet fil-livell nazzjonali

jew transfruntiera, huwa forma ta' xogħol iddikjarat b'mod falz li sikwit ikun assoċjat ma' xogħol mhux iddikjarat. Impjieg indipendenti fittizju jseħħ meta persuna tkun iddikjarata bħala impjegata għal rasha filwaqt li tissodisfa l-kundizzjonijiet li jikkaratterizzaw relazzjoni ta' impjieg, sabiex jiġu evitati ċerti obbligi legali jew fiskali. Dawn il-persuni jenħtieġ li jiġu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg jenħtieġ li tkun iggwidata mill-fatti relatati mat-twettiq effettiv tax-xogħol u mhux mid-deskrizzjoni mill-partijiet tar-relazzjoni.

Or. en

Emenda 265
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1b) Skont il-Konvenzjoni Nru 135 (1971) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), attwalment ratifikata minn 24 Stat Membru, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jkunu persuni li huma rikonoxxuti bħala tali skont id-dritt jew il-prattika nazzjonali, kemm jekk ikunu rappreżentanti tat-trade unions, jiġifieri rappreżentanti maħtura jew eletti mit-trade unions jew minn membri ta' tali unions, kif ukoll rappreżentanti eletti, jiġifieri rappreżentanti li jiġu eletti liberament mill-ħaddiema tal-impriża f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet jew tar-regolamenti nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi u li l-funzjonijiet tagħhom ma jkunux attivitajiet li jkunu rikonoxxuti bħala l-prerogattiva esklużiva

tat-trade unions fil-pajjiż ikkonċernat. Dik il-Konvenzjoni tiddikjara li, meta jkun hemm rappreżentanti tat-trade unions u rappreżentanti eletti fl-istess impriża, din ir-rappreżentanza ma għandhiex tintuża biex jiddgħajfu l-pożizzjonijiet tat-trade unions ikkonċernati jew tar-rappreżentanti tagħhom, u li għandha tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti eletti u t-trade unions ikkonċernati jew ir-rappreżentanti tagħhom.

Or. en

Emenda 266
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(2) Is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jenħtieġ li jinftiehmu bħala għodod u faċilitaturi li jservu kemm lill-impjegaturi kif ukoll lill-ħaddiema billi jtejbu l-effiċjenza, jiffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet, u jappoġġjaw organizzazzjoni aħjar tax-xogħol. Meta jintużaw b'mod responsabbli u trasparenti, tali sistemi jistgħu jikkontribwixxu għal prattiki aktar ibbilanċjati u infurmati fuq il-post tax-xogħol. Il-varar bir-reqqa tagħhom skont sett komuni ta' regoli tal-Unjoni jenħtieġ li jisfrutta l-potenzjal tagħhom li jiżgura l-implimentazzjoni b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, irawwem il-fiduċja u jippromwovi l-benesseri ġenerali tal-ħaddiema.	(2) Is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jenħtieġ li jinftiehmu bħala għodod u faċilitaturi li jservu kemm lill-impjegaturi kif ukoll lill-ħaddiema billi jtejbu l-effiċjenza, jiffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet, u jappoġġjaw organizzazzjoni aħjar tax-xogħol. Meta jintużaw b'mod responsabbli u trasparenti, ***bl-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-qafas tad-djalogu soċjali,*** tali sistemi jistgħu jikkontribwixxu għal prattiki aktar ibbilanċjati u infurmati fuq il-post tax-xogħol ***u jikkonsolidaw il-kisbiet sostenibbli fil-produttività***. Il-varar bir-reqqa tagħhom skont sett komuni ta' regoli tal-Unjoni jenħtieġ li jisfrutta l-potenzjal tagħhom li jiżgura l-implimentazzjoni b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, irawwem il-fiduċja u jippromwovi l-benesseri ġenerali tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 267
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(2) Is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jenħtieġ li jinftiehmu bħala għodod u faċilitaturi li jservu kemm lill-impjegaturi kif ukoll lill-ħaddiema billi jtejbu l-effiċjenza, jiffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet, u jappoġġjaw organizzazzjoni aħjar tax-xogħol. Meta jintużaw b'mod responsabbli u trasparenti, tali sistemi jistgħu jikkontribwixxu għal prattiki aktar ibbilanċjati u infurmati fuq il-post tax-xogħol. Il-varar bir-reqqa tagħhom skont sett komuni ta' regoli tal-Unjoni jenħtieġ li jisfrutta l-potenzjal tagħhom li jiżgura l-implimentazzjoni b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, irawwem il-fiduċja u jippromwovi l-benesseri ġenerali tal-ħaddiema.	(2) Is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jenħtieġ li jinftiehmu bħala għodod u faċilitaturi li jservu kemm lill-impjegaturi kif ukoll lill-ħaddiema billi jtejbu l-effiċjenza, jiffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet, u jappoġġjaw organizzazzjoni aħjar tax-xogħol. Meta jintużaw b'mod responsabbli u trasparenti, ***bis-saħħa ta' regoli legali ċari u l-involviment effettiv tar-rappreżentanti tal-forza tax-xogħol,*** f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, tali sistemi jistgħu jikkontribwixxu għal prattiki aktar ibbilanċjati u infurmati fuq il-post tax-xogħol. Il-varar bir-reqqa tagħhom skont sett komuni ta' regoli tal-Unjoni għandu jisfrutta l-potenzjal tagħhom***, filwaqt*** li jiżgura l-implimentazzjoni b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, irawwem il-fiduċja u jippromwovi l-benesseri ġenerali tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 268
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(2) Is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jenħtieġ li jinftiehmu bħala għodod u faċilitaturi li jservu kemm lill-impjegaturi	(2) Is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***u tal-intelliġenza artifiċjali*** għandhom jinftiehmu bħala għodod u faċilitaturi li

kif ukoll lill-ħaddiema billi jtejbu l-effiċjenza, jiffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet, u jappoġġjaw organizzazzjoni aħjar tax-xogħol. Meta jintużaw b'mod responsabbli u trasparenti, tali sistemi jistgħu jikkontribwixxu għal prattiki aktar ibbilanċjati u infurmati fuq il-post tax-xogħol. Il-varar bir-reqqa tagħhom skont sett komuni ta' regoli tal-Unjoni jenħtieġ li jisfrutta l-potenzjal tagħhom li jiżgura l-implimentazzjoni b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, irawwem il-fiduċja u jippromwovi l-benesseri ġenerali tal-ħaddiema.	jservu kemm lill-impjegaturi kif ukoll lill-ħaddiema billi jtejbu l-effiċjenza ***u l-produttività***, jiffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet, u jappoġġjaw organizzazzjoni aħjar tax-xogħol. Meta jintużaw b'mod responsabbli u trasparenti ***b'sorveljanza mill-bniedem suffiċjenti***, f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, tali sistemi jistgħu jikkontribwixxu għal prattiki aktar ibbilanċjati u infurmati fuq il-post tax-xogħol. Il-varar bir-reqqa tagħhom skont sett komuni ta' regoli tal-Unjoni jenħtieġ li jisfrutta l-potenzjal tagħhom li jiżgura l-implimentazzjoni b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, irawwem il-fiduċja u jippromwovi l-benesseri ġenerali tal-ħaddiema.
	Or. en

Emenda 269
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(3) In-nuqqas ta' fehim ċar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jimpedixxi lill-ħaddiema milli jaffermaw ***b'mod effettiv*** id-drittijiet tad-data tagħhom, u dan ikompli jsaħħaħ l-iżbilanċ tal-poter favur l-impjegatur. Hemm evidenza li l-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet itejjeb kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol[4].	(3) In-nuqqas ta' fehim ċar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jimpedixxi lill-ħaddiema milli ***jissalvagwardjaw b'mod effettiv is-saħħa u s-sikurezza tagħhom, u*** jaffermaw id-drittijiet tad-data tagħhom, u dan ikompli jsaħħaħ l-iżbilanċ tal-poter favur l-impjegatur. Hemm evidenza li l-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet itejjeb kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol[4].
[4] OECD 2023. https://www.oecd.org/en/publications/the-	[4] OECD 2023. https://www.oecd.org/en/publications/the-

impact-of-ai-on-the-workplace-main-findings-from-the-oecd-ai-surveys-of-employers-and-workers_ea0a0fe1-en.html; https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2020/european-company-survey-2019-workplace-practices-unlocking-employee-potential;

impact-of-ai-on-the-workplace-main-findings-from-the-oecd-ai-surveys-of-employers-and-workers_ea0a0fe1-en.html; https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2020/european-company-survey-2019-workplace-practices-unlocking-employee-potential;

Or. en

Emenda 270
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(3) In-nuqqas ta' fehim ċar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jimpedixxi ***lill-ħaddiema*** milli jaffermaw ***b'mod effettiv*** id-drittijiet tad-data tagħhom, u dan ikompli jsaħħaħ l-iżbilanċ tal-poter favur l-impjegatur. Hemm evidenza li l-involviment ***tal-ħaddiema*** u tar-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet itejjeb kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol[4].	(3) In-nuqqas ta' fehim ċar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jimpedixxi ***lill-persuni li jwettqu xogħol*** milli ***jissalvagwardjaw b'mod effettiv id-drittijiet, is-saħħa u s-sikurezza tagħhom, u*** jaffermaw id-drittijiet ***individwali u kollettivi*** tad-data tagħhom, u dan ikompli jsaħħaħ l-iżbilanċ tal-poter favur l-impjegatur. Hemm evidenza li l-involviment ***tal-persuni li jwettqu xogħol*** u tar-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet itejjeb kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol***, u għalhekk huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni t-tajba tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol***[4].
[4] OECD 2023. https://www.oecd.org/en/publications/the-impact-of-ai-on-the-workplace-main-findings-from-the-oecd-ai-surveys-of-employers-and-workers_ea0a0fe1-en.html; https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2020/european-company-survey-2019-workplace-practices-unlocking-employee-potential;	[4] OECD 2023. https://www.oecd.org/en/publications/the-impact-of-ai-on-the-workplace-main-findings-from-the-oecd-ai-surveys-of-employers-and-workers_ea0a0fe1-en.html; https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2020/european-company-survey-2019-workplace-practices-unlocking-employee-potential;

Or. en

Emenda 271
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(3) In-nuqqas ta' fehim ċar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jimpedixxi lill-ħaddiema milli jaffermaw b'mod effettiv id-drittijiet tad-data tagħhom, u dan ikompli jsaħħaħ l-iżbilanċ tal-poter favur l-impjegatur. Hemm evidenza li l-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet itejjeb kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol[4].	(3) In-nuqqas ta' fehim ċar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***u tal-intelliġenza artifiċjali*** jimpedixxi ***lill-ħaddiema milli jadottaw tali sistemi fuq il-post tax-xogħol u*** lill-ħaddiema milli jaffermaw b'mod effettiv id-drittijiet tad-data ***u ta' impjieg*** tagħhom, u dan ikompli jsaħħaħ l-iżbilanċ tal-poter favur l-impjegatur. Hemm evidenza li l-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet itejjeb kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol[4].
[4] OECD 2023. https://www.oecd.org/en/publications/the-impact-of-ai-on-the-workplace-main-findings-from-the-oecd-ai-surveys-of-employers-and-workers_ea0a0fe1-en.html; https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2020/european-company-survey-2019-workplace-practices-unlocking-employee-potential;	[4] OECD 2023. https://www.oecd.org/en/publications/the-impact-of-ai-on-the-workplace-main-findings-from-the-oecd-ai-surveys-of-employers-and-workers_ea0a0fe1-en.html; https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2020/european-company-survey-2019-workplace-practices-unlocking-employee-potential;

Or. en

Emenda 272
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(3) In-nuqqas ta' fehim ċar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jimpedixxi lill-ħaddiema milli jaffermaw b'mod effettiv id-drittijiet tad-data tagħhom***, u dan ikompli jsaħħaħ l-iżbilanċ tal-poter favur l-impjegatur***. Hemm evidenza li l-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet ***itejjeb*** kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol[4].	(3) In-nuqqas ta' fehim ċar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jimpedixxi lill-ħaddiema milli jaffermaw b'mod effettiv id-drittijiet tad-data tagħhom. Hemm evidenza li l-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet ***jista' jtejjeb*** kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol[4].
[4] OECD 2023. https://www.oecd.org/en/publications/the-impact-of-ai-on-the-workplace-main-findings-from-the-oecd-ai-surveys-of-employers-and-workers_ea0a0fe1-en.html; https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2020/european-company-survey-2019-workplace-practices-unlocking-employee-potential;	[4] OECD 2023. https://www.oecd.org/en/publications/the-impact-of-ai-on-the-workplace-main-findings-from-the-oecd-ai-surveys-of-employers-and-workers_ea0a0fe1-en.html; https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2020/european-company-survey-2019-workplace-practices-unlocking-employee-potential;

Or. en

Emenda 273
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(4) L-att dwar l-IA jirrappreżenta pass sinifikanti 'l quddiem fir-regolamentazzjoni tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali b'riskju għoli, madankollu għadu insuffiċjenti biex jiġu indirizzati bis-sħiħ l-isfidi ppreżentati mill-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jikklassifika l-għodod tal-IA relatati max-xogħol bħala riskju għoli, l-enfasi primarja tiegħu hija fuq it-tqegħid fis-suq, is-sikurezza tal-prodotti, u l-obbligi	(4) L-att dwar l-IA jirrappreżenta pass sinifikanti 'l quddiem fir-regolamentazzjoni tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali b'riskju għoli, madankollu għadu insuffiċjenti biex jiġu indirizzati bis-sħiħ l-isfidi ppreżentati mill-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jikklassifika l-għodod tal-IA relatati max-xogħol bħala riskju għoli, l-enfasi primarja tiegħu hija fuq it-tqegħid fis-suq, is-sikurezza tal-prodotti, u l-obbligi

ta’ konformità għall-fornituri u l-utenti, u mhux fuq ir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-ħaddiem. Barra minn hekk, l-Att dwar l-IA ma japplikax għal sistemi ta’ ġestjoni algoritmika li mhumiex ibbażati fuq l-IA, u dan iħalli lakuna regolatorja fl-indirizzar tal-impatt usa’ tal-għodod ta’ ġestjoni diġitali fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-djalogu soċjali.

ta’ konformità għall-fornituri u l-utenti, u mhux fuq ir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-ħaddiem. ***Għalhekk, ma jindirizzax il-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-użu dejjem akbar tas-sistemi tal-IA, li filwaqt li joffru opportunitajiet, joħolqu ċerti riskji b’rabta mal-limitazzjonijiet tekniċi u mat-thassib etiku, assoċjati mal-livell ta’ awtonomija ta’ sistema u l-potenzjal ġenerali tal-użu tagħha meta l-bnedmin jitneħħew miċ-ċirku, bid-disinn tal-mudell bħala bidu.*** Barra minn hekk, l-Att dwar l-IA ma japplikax għal sistemi ta’ ġestjoni algoritmika li mhumiex ibbażati fuq l-IA, u dan iħalli lakuna regolatorja fl-indirizzar tal-impatt usa’ tal-għodod ta’ ġestjoni diġitali fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-djalogu soċjali.

Or. en

Emenda 274
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(4) L-att dwar l-IA ***jirrappreżenta pass sinifikanti ’l quddiem fir-regolamentazzjoni tas-sistemi tal-intelliġenza*** artifiċjali b’riskju għoli, ***madankollu għadu insuffiċjenti biex jiġu indirizzati bis-sħiħ l-isfidi ppreżentati mill-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol***. ***Għalkemm jikklassifika l-għodod tal-IA relatati max-xogħol bħala riskju għoli, l-enfasi primarja tiegħu hija fuq it-tqegħid fis-suq, is-sikurezza tal-prodotti, u*** l-obbligi ta’ konformità għall-fornituri u l-utenti***, u mhux fuq*** ir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-ħaddiem. ***Barra minn hekk, l-Att dwar l-IA ma japplikax għal sistemi*** ta’ ġestjoni algoritmika li mhumiex ibbażati fuq l-IA***, u dan iħalli lakuna***	(4) ***Filwaqt li*** l-att dwar l-IA ***jipprovdi qafas orizzontali għal sistemi ta’ intelliġenza*** artifiċjali b’riskju għoli, ***inklużi ċerti għodod relatati mal-post tax-xogħol***, ***l-objettiv primarju tiegħu huwa li jiżgura t-tqegħid sikur tas-sistemi tal-IA fis-suq intern u li jiddefinixxi*** l-obbligi ta’ konformità għall-fornituri u l-utenti***. Ma għandux l-intenzjoni li jirregola l-organizzazzjoni interna tax-xogħol jew*** ir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-ħaddiem***; billi s-sistemi*** ta’ ġestjoni algoritmika li mhumiex ibbażati fuq l-IA ***jibqgħu barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu, li jista’ jwassal għal inċertezza tad-dritt u approċċi frammentati. Għalhekk hemm bżonn li jiġi vvalutat jekk humiex***

regolatorja fl-indirizzar tal-impatt usa' tal-għodod ta' ġestjoni diġitali ***fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-djalogu soċjali***.	***meħtieġa miżuri mmirati, proporzjonati u li jiffavorixxu l-innovazzjoni biex jiġi indirizzat l-użu speċifiku*** tal-għodod ta' ġestjoni diġitali ***fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet ma' oqfsa eżistenti u pożijiet amministrattivi mhux meħtieġa għall-impjegaturi***.
	Or. en

Emenda 275
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(4) L-att dwar l-IA jirrappreżenta pass sinifikanti 'l quddiem fir-regolamentazzjoni tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali b'riskju għoli, madankollu għadu insuffiċjenti biex jiġu indirizzati bis-sħiħ l-isfidi ppreżentati mill-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jikklassifika l-għodod tal-IA relatati max-xogħol bħala riskju għoli, l-enfasi primarja tiegħu hija fuq it-tqegħid fis-suq, is-sikurezza tal-prodotti, u l-obbligi ta' konformità għall-forniturі u l-utenti, u mhux fuq ir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-ħaddiem. Barra minn hekk, l-Att dwar l-IA ma japplikax għal sistemi ta' ġestjoni algoritmika li mhumiex ibbażati fuq l-IA, u dan iħalli lakuna regolatorja fl-indirizzar tal-impatt usa' tal-għodod ta' ġestjoni diġitali fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-djalogu soċjali.	(4) ***Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] (***l-Att dwar l-IA***)*** jirrappreżenta pass sinifikanti 'l quddiem fir-regolamentazzjoni tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali b'riskju għoli, madankollu għadu insuffiċjenti biex jiġu indirizzati bis-sħiħ l-isfidi ppreżentati mill-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jikklassifika l-għodod tal-IA relatati max-xogħol bħala riskju għoli, l-enfasi primarja tiegħu hija fuq it-tqegħid fis-suq, is-sikurezza tal-prodotti, u l-obbligi ta' konformità għall-forniturі u l-utenti, u mhux fuq ir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-ħaddiem. Barra minn hekk, l-Att dwar l-IA ma japplikax għal sistemi ta' ġestjoni algoritmika li mhumiex ibbażati fuq l-IA, u dan iħalli lakuna regolatorja fl-indirizzar tal-impatt usa' tal-għodod ta' ġestjoni diġitali fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-djalogu soċjali.
	Or. en

Emenda 276
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(4) L-att dwar l-IA jirrappreżenta pass sinifikanti ’l quddiem fir-regolamentazzjoni tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali b’riskju għoli, madankollu ***għadu insuffiċjenti biex jiġu indirizzati bis-shih*** l-isfidi ppreżentati mill-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jikklassifika l-għodod tal-IA relatati max-xogħol bħala riskju għoli, l-enfasi primarja tiegħu hija fuq it-tqegħid fis-suq, is-sikurezza tal-prodotti, u l-obbligi ta’ konformità għall-fornituri u l-utenti, u mhux fuq ir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-ħaddiem. Barra minn hekk, l-Att dwar l-IA ma japplikax għal sistemi ta’ ġestjoni algoritmika li mhumiex ibbażati fuq l-IA, u dan iħalli lakuna regolatorja fl-indirizzar tal-impatt usa’ tal-għodod ta’ ġestjoni diġitali fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-djalogu soċjali.	(4) ***Filwaqt li*** l-att dwar l-IA jirrappreżenta pass sinifikanti ’l quddiem fir-regolamentazzjoni tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali b’riskju għoli ***inkluż fil-qasam tal-impjiegi***, madankollu ***għad hemm lakuni rigward*** l-isfidi ppreżentati mill-ġestjoni algoritmika ***u mill-IA*** fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jikklassifika l-għodod tal-IA relatati max-xogħol bħala riskju għoli, l-enfasi primarja tiegħu hija fuq it-tqegħid fis-suq, is-sikurezza tal-prodotti, u l-obbligi ta’ konformità għall-fornituri u l-utenti, u mhux fuq ir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-ħaddiem. Barra minn hekk, l-Att dwar l-IA ma japplikax għal sistemi ta’ ġestjoni algoritmika li mhumiex ibbażati fuq l-IA, u dan iħalli lakuna regolatorja fl-indirizzar tal-impatt usa’ tal-għodod ta’ ġestjoni diġitali fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-djalogu soċjali.

Or. en

Emenda 277
Kim Van Sparrentak
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(5) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) imur lura għall-2016 u ma kienx imfassal speċifikament biex jindirizza l-isfidi partikolari tal-	***imħassar***

protezzjoni tad-data fuq il-post tax-xogħol, u minn dak iż-żmien ir-realtajiet teknoloġiċi u fuq il-post tax-xogħol evolvew b'mod sinifikanti, b'tali mod li dan jirrikjedi aġġornament u tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-impjiegi, peress li bħalissa jħalli lok għall-interpretazzjoni. L-Artikolu 15(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2016/679, li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' trasparenza għall-ipproċessar tad-data u l-limitazzjonijiet ta' tali pproċesssar, jipprevedi biss projbizzjonijiet ċari fil-każ ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet kompletament awtomatizzati, li għalhekk mhumiex biżżejjed fil-biċċa l-kbira tal-kuntesti relatati mal-impjiegi. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/679 jadotta approċċ individwalistiku u ma jagħtix drittijiet kollettivi. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 88 dwar il-protezzjoni tad-data personali tal-ħaddiema ġie implimentat ħażin u għadu fil-biċċa l-kbira ineffettiv fi kważi l-Istati Membri kollha[6] .

---

[5] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[6] Abraha H. (2023), Article 88 GDPR and the Interplay between EU and Member State Employee Data protection rules (L-Artikolu 88 tal-GDPR u l-interazzjoni bejn ir-regoli tal-UE u dawk tal-Istati Membri rigward il-protezzjoni tad-data tal-impjegati), The Modern Law Review.

Or. en

Emenda 278
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(5) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) imur lura għall-2016 u ma kienx imfassal speċifikament biex jindirizza l-isfidi partikolari tal-protezzjoni tad-data fuq il-post tax-xogħol, u minn dak iż-żmien ir-realtajiet teknoloġiċi u fuq il-post tax-xogħol evolvew b'mod sinifikanti, b'tali mod li dan jirrikjedi aġġornament u tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-impjiegi, peress li bħalissa jħalli lok għall-interpretazzjoni. L-Artikolu 15(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2016/679, li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' trasparenza għall-ipproċessar tad-data u l-limitazzjonijiet ta' tali pproċesssar, jipprevedi biss projbizzjonijiet ċari fil-każ ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet kompletament awtomatizzati, li għalhekk mhumiex biżżejjed fil-biċċa l-kbira tal-kuntesti relatati mal-impjiegi. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/679 jadotta approċċ individwalistiku u ma jagħtix drittijiet kollettivi. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 88 dwar il-protezzjoni tad-data personali tal-ħaddiema ġie implimentat ħażin u għadu fil-biċċa l-kbira ineffettiv fi kważi l-Istati Membri kollha[6].	(5) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) imur lura għall-2016 u ma kienx imfassal speċifikament biex jindirizza l-isfidi partikolari tal-protezzjoni tad-data fuq il-post tax-xogħol ***relatati ma' sistemi awtomatizzati u semiawtomatizzati ta' ġestjoni algoritmika***, u minn dak iż-żmien ir-realtajiet teknoloġiċi u fuq il-post tax-xogħol evolvew b'mod sinifikanti, b'tali mod li dan jirrikjedi aġġornament u tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-impjiegi, peress li bħalissa jħalli lok għall-interpretazzjoni. L-Artikolu 15(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2016/679, li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' trasparenza għall-ipproċessar tad-data u l-limitazzjonijiet ta' tali pproċesssar, jipprevedi biss projbizzjonijiet ċari fil-każ ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet kompletament awtomatizzati, li għalhekk mhumiex biżżejjed fil-biċċa l-kbira tal-kuntesti relatati mal-impjiegi ***li jinkludu wkoll proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet semiawtomatizzat***. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/679 jadotta approċċ individwalistiku u ma jagħtix drittijiet kollettivi. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 88 dwar il-protezzjoni tad-data personali tal-ħaddiema ġie implimentat ħażin u għadu fil-biċċa l-kbira ineffettiv fi kważi l-Istati Membri kollha . [6].
[5] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali	[5] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali

data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[6] Abraha H. (2023), Article 88 GDPR and the Interplay between EU and Member State Employee Data protection rules (L-Artikolu 88 tal-GDPR u l-interazzjoni bejn ir-regoli tal-UE u dawk tal-Istati Membri rigward il-protezzjoni tad-data tal-impjegati), The Modern Law Review.

data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[6] Abraha H. (2023), Article 88 GDPR and the Interplay between EU and Member State Employee Data protection rules (L-Artikolu 88 tal-GDPR u l-interazzjoni bejn ir-regoli tal-UE u dawk tal-Istati Membri rigward il-protezzjoni tad-data tal-impjegati), The Modern Law Review.

Or. en

Emenda 279
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(5) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ***imur lura għall-2016 u ma kienx imfassal speċifikament biex jindirizza l-isfidi partikolari tal-protezzjoni tad-data fuq il-post tax-xogħol***, ***u minn dak iż-żmien ir-realtajiet*** teknoloġiċi u fuq il-post tax-xogħol evolvew b'mod sinifikanti, b'tali mod li dan jirrikjedi ***aġġornament u*** tiswiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-impjiegi, peress li bħalissa jħalli lok għall-interpretazzjoni. L-Artikolu 15(1), il-punt (ħ), tar-Regolament (UE) 2016/679, li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' trasparenza għall-ipproċessar tad-data u l-limitazzjonijiet ta' tali pproċesssar, jipprevedi biss projbizzjonijiet ċari fil-każ ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet kompletament awtomatizzati, li għalhekk mhumiex biżżejjed fil-bidu l-kbira tal-kuntesti relatati mal-impjiegi. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/679 jadotta approċċ individwalistiku u ma jagħtix	(5) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ***jistabbilixxi drittijiet u prinċipji ewlenin inklużi t-trasparenza, il-ġustizzja, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data***. Madankollu, ***mill-adozzjoni tiegħu r-realtajiet*** teknoloġiċi u fuq il-post tax-xogħol evolvew b'mod sinifikanti, b'tali mod li dan jirrikjedi tiswiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-impjiegi, peress li bħalissa jħalli lok għall-interpretazzjoni L-Artikolu 15(1), il-punt (ħ), tar-Regolament (UE) 2016/679, li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' trasparenza għall-ipproċessar tad-data u l-limitazzjonijiet ta' tali pproċesssar, jipprevedi biss projbizzjonijiet ċari fil-każ ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet kompletament awtomatizzati, li għalhekk mhumiex biżżejjed fil-bidu l-kbira tal-kuntesti relatati mal-impjiegi. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/679 jadotta approċċ individwalistiku u ma jagħtix

drittijiet kollettivi. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 88 dwar il-protezzjoni tad-data personali tal-ħaddiema ġie implimentat ħażin u għadu fil-biċċa l-kbira ineffettiv fi kważi l-Istati Membri kollha[6].

[5] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[6] Abraha H. (2023), Article 88 GDPR and the Interplay between EU and Member State Employee Data protection rules (L-Artikolu 88 tal-GDPR u l-interazzjoni bejn ir-regoli tal-UE u dawk tal-Istati Membri rigward il-protezzjoni tad-data tal-impjegati), The Modern Law Review.

drittijiet kollettivi. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 88 dwar il-protezzjoni tad-data personali tal-ħaddiema ġie implimentat ħażin u għadu fil-biċċa l-kbira ineffettiv fi kważi l-Istati Membri kollha[6].

[5] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[6] Abraha H. (2023), Article 88 GDPR and the Interplay between EU and Member State Employee Data protection rules (L-Artikolu 88 tal-GDPR u l-interazzjoni bejn ir-regoli tal-UE u dawk tal-Istati Membri rigward il-protezzjoni tad-data tal-impjegati), The Modern Law Review.

Or. en

Emenda 280
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5a) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) jirrappreżenta qafas legali applikabbli orizzontalment biex jipproteġi d-drittijiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema. Madankollu, il-GDPR jippreċedi l-użu mifrux tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali fuq il-post tax-xogħol u ma

jindirizzax b'mod adegwat ir-riskji speċifiċi maħluqa mill-monitoraġġ algoritmiku, mit-tfassil ta' profili u mit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-kuntesti tal-impjiegi. B'mod partikolari, l-Artikolu 15(1)(h), li jirregola d-dritt ta' aċċess għal informazzjoni sinifikattiva dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, japplika biss għal proċessi kompletament awtomatizzati, u jħalli lakuni sinifikanti fejn is-sorveljanza mill-bniedem tkun nominali jew mhux sostantiva. Barra minn hekk, l-Artikolu 88 dwar il-protezzjoni tad-data personali tal-ħaddiema ġie implimentat ħażin u għadu fil-biċċa l-kbira ineffettiv madwar l-Istati Membri kollha. Peress li l-GDPR jipproteġi dritt individwali, ma jistax jiżgura salvagwardji kollettivi, u jħalli lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom mingħajr mezzi suffiċjenti biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom b'mod kollettiv fid-dawl ta' sistemi kumplessi tal-IA.

Or. en

Emenda 281
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(6) ***Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] (id-Direttiva*** dwar l-informazzjoni u l-Konsultazzjoni) ***tipprovdi*** biss informazzjoni ġenerali dwar id-dritt kollettiv għall-konsultazzjoni ***filwaqt li d-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019[8]*** (id-Direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli) ma ***ssemmix*** b'mod espliċitu d-dritt għall-informazzjoni dwar is-sistemi ta' ġestjoni	(6) ***L-Artikolu 2 tad-(Direttiva*** dwar l-informazzjoni u l-Konsultazzjoni)[7] ***jipprovdi*** biss informazzjoni ġenerali dwar id-dritt kollettiv ***għall-informazzjoni u*** għall-konsultazzjoni ***rigward l-iżvilupp ta' impriża jew organizzazzjoni tax-xogħol, bidliet sostanzjali u miżuri antiċipatorji, soġġetti għal limitazzjonijiet*** (id-Direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli)[8] ma ***jsemmix*** b'mod espliċitu d-dritt għall-informazzjoni dwar is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika u

algoritmika u ***mhijiex speċifika*** biżżejjed biex ***tindirizza*** l-kumplessità tas-sistema ta' ġestjoni algoritmika. ***Dawk id-direttivi ma jiggarantixxux id-dritt*** tal-ħaddiema għall-informazzjoni dwar il-funzjonament, il-loġika, ***jew*** l-impatt tas-sistemi algoritmiċi fuq l-organizzazzjoni u l-evalwazzjoni tax-xogħol tagħhom ***u jonqsu milli jinvolvu lill-ħaddiema***.

[7] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

[8] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

mhuwiex speċifiku biżżejjed biex ***jindirizza*** l-kumplessità tas-sistema ta' ġestjoni algoritmika. ***Għalhekk, din id-Direttiva għandha l-għan li tiggarantixxi dritt kollettiv*** tal-ħaddiema għall-informazzjoni ***u għall-konsultazzjoni*** dwar il-funzjonament, il-loġika, ***u*** l-impatt tas-sistemi algoritmiċi fuq l-organizzazzjoni u l-evalwazzjoni tax-xogħol tagħhom.

[7] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

[8] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

Or. en

Emenda 282
Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(6) Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] (id-Direttiva dwar l-informazzjoni u l-Konsultazzjoni) tipprovdi biss informazzjoni ġenerali dwar id-dritt kollettiv għall-konsultazzjoni filwaqt li d-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019[8] (id-Direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli) ma	(6) Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] (id-Direttiva dwar l-informazzjoni u l-Konsultazzjoni) tipprovdi biss informazzjoni ġenerali dwar id-dritt kollettiv għall-konsultazzjoni filwaqt li d-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019[8] (id-Direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli) ma

ssemmix b’mod espliċitu d-dritt għall-informazzjoni dwar is-sistemi ta’ ġestjoni algoritmika u mhijiex speċifika biżżejjed biex tindirizza l-kumplessità tas-sistema ta’ ġestjoni algoritmika. ***Dawk id-direttivi ma jiggarantixxux id-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni dwar il-funzjonament, il-loġika, jew l-impatt tas-sistemi algoritmiċi fuq l-organizzazzjoni u l-evalwazzjoni tax-xogħol tagħhom u jonqsu milli jinvolvu lill-ħaddiema.***	ssemmix b’mod espliċitu d-dritt għall-informazzjoni dwar is-sistemi ta’ ġestjoni algoritmika u mhijiex speċifika biżżejjed biex tindirizza l-kumplessità tas-sistema ta’ ġestjoni algoritmika.
[7] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).	[7] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).
[8] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).	[8] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

Or. en

Emenda 283
Kim Van Sparrentak
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(6a) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika għall-ħaddiema li għandhom kuntratt ta’ impjieg jew relazzjoni ta’ impjieg kif definit mil-liġi, minn ftehimiet kollettivi jew minn prattika fis-seħħ f’kull Stat Membru, billi jiġu kkunsidrati l-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja

tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti tal-Ġustizzja) għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem. Dment li jissodisfaw dawk il-kriterji, il-ħaddiema kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku, kif ukoll il-ħaddiema domestiċi, il-ħaddiema fuq talba, il-ħaddiema intermittenti, il-ħaddiema li jitħallsu bil-vawċers, il-ħaddiema tal-pjattaformi, it-trainees, l-apprendisti u ħaddiema oħra mhux standard, kif ukoll il-ħaddiema b'impjieg indipendenti fittizju u ħaddiema mhux iddikjarati jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

Or. en

Emenda 284
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(6a) L-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprevedi d-dritt ta' kull ħaddiem għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa li jirrispettaw is-saħħa, is-sikurezza u d-dinjità tiegħu. L-Artikolu 27 tal-Karta jipproteġi d-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni fl-impriża. L-Artikolu 8 tal-Karta jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha. L-Artikolu 12 tal-Karta jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni fil-livelli kollha. L-Artikolu 16 tal-Karta jirrikonoxxi l-libertà ta' intrapriża. L-Artikolu 21 tal-Karta jipprojbixxi d-diskriminazzjoni.

Or. en

Emenda 285
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(6b) Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema għall-privatezza, għan-nondiskriminazzjoni u għal-libertà ta' assoċjazzjoni, li jistgħu jiġu affettwati mill-użu ta' teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku;

Or. en

Emenda 286
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(7) Fl-Unjoni hemm madwar 20 miljun persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati, li jammontaw għal kważi 10 % tal-forza tax-xogħol[9]. Huma ma għandhomx aċċess għal protezzjoni soċjali sħiħa iżda huma ugwalment soġġetti għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja, u jiġi evitat l-isfruttament, fil-forom kollha tax-xogħol modern, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jenħtieġ li japplikaw għall-persuni li	***imħassar***

jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati.

9

https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/DDN-20200615-1?utm_source=chatgpt.com

Or. en

Emenda 287
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(7) Fl-Unjoni hemm ***madwar*** 20 miljun persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati, li jammontaw għal kważi 10 % tal-forza tax-xogħol[9]. Huma ma għandhomx aċċess għal protezzjoni soċjali sħiħa ***iżda*** huma ***ugwalment*** soġġetti għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja, u jiġi evitat l-isfruttament, fil-forom kollha tax-xogħol modern, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jenħtieġ li japplikaw għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati.	(7) Fl-Unjoni hemm 20 miljun persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati, li jammontaw għal kważi 10 % tal-forza tax-xogħol[9]. ***Skont l-arranġamenti u l-attivitajiet kuntrattwali tagħhom*** huma ma għandhomx aċċess għal protezzjoni soċjali sħiħa ***u*** huma soġġetti għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni ***mill-akkwirent tas-servizz***. Sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja, u jiġi evitat l-isfruttament, fil-forom kollha tax-xogħol modern, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jenħtieġ li japplikaw għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati. ***Dawn id-drittijiet isegwu l-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati (2022/C 374/02) li jallinjaw il-prattika dwar il-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati mad-drittijiet ta' ħaddiema oħra.***

---

9 https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/DDN-20200615-1?utm_source=chatgpt.com	9 https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/DDN-20200615-1?utm_source=chatgpt.com

Or. en

Emenda 288
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(7) Fl-Unjoni hemm madwar 20 miljun persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati, li jammontaw għal kważi 10 % tal-forza tax-xogħol[9]. Huma ma għandhomx aċċess għal protezzjoni soċjali sħiħa iżda huma ugwalment soġġetti għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja, u jiġi evitat l-isfruttament, fil-forom kollha tax-xogħol modern, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jenħtieġ li japplikaw għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati.	(7) Fl-Unjoni hemm madwar 20 miljun persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati, li jammontaw għal kważi 10 % tal-forza tax-xogħol[9]. Huma ma għandhomx aċċess għal protezzjoni soċjali sħiħa iżda huma ugwalment soġġetti għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja, u jiġi evitat l-isfruttament, fil-forom kollha tax-xogħol modern, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jenħtieġ li japplikaw ***ukoll*** għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati.
_____	_____
9 https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/DDN-20200615-1?utm_source=chatgpt.com	9 https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/DDN-20200615-1?utm_source=chatgpt.com

Or. en

Emenda 289
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(7a) Skont il-Konvenzjoni Nru 135 (1971) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), attwalment ratifikata minn 24 Stat Membru, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jkunu persuni li huma rikonoxxuti bħala tali skont id-dritt jew il-prattika nazzjonali, kemm jekk ikunu rappreżentanti tat-trade unions, jiġifieri rappreżentanti maħtura jew eletti mit-trade unions jew minn membri ta' tali unions, kif ukoll rappreżentanti eletti, jiġifieri rappreżentanti li jiġu eletti liberament mill-ħaddiema tal-impriża f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet jew tar-regolamenti nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi u li l-funzjonijiet tagħhom ma jkunux attivitajiet li jkunu rikonoxxuti bħala l-prerogattiva esklużiva tat-trade unions fil-pajjiż ikkonċernat. Dik il-Konvenzjoni tiddikjara li, meta jkun hemm rappreżentanti tat-trade unions u rappreżentanti eletti fl-istess impriża, din ir-rappreżentanza ma għandhiex tintuża biex jiddgħajfu l-pożizzjonijiet tat-trade unions ikkonċernati jew tar-rappreżentanti tagħhom, u li għandha tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti eletti u t-trade unions ikkonċernati jew ir-rappreżentanti tagħhom.

Or. en

Emenda 290
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(8) Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi standards minimi komuni tal-Unjoni għall-użu tal-ġestjoni algoritmika	(8) Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi standards minimi komuni tal-Unjoni għall-użu tal-ġestjoni algoritmika ***u***

fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiżgura aktar trasparenza u ċertezza legali madwar l-Istati Membri. Billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li d-direttiva jkollha l-għan li tappoġġja adozzjoni ġusta u responsabbli tal-għodod ta' ġestjoni algoritmika. Barra minn hekk, se ttejjeb iċ-ċarezza u l-prevedibbiltà għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, filwaqt li tarrikkixxi l-esperjenza tax-xogħol tagħhom, trawwem il-fiduċja fit-teknoloġiji diġitali, u tgħin biex jittaffew ir-riskji potenzjali assoċjati mat-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku fil-kuntesti tal-impjiegi,	***tal-intelliġenza artifiċjali*** fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiżgura aktar trasparenza u ċertezza legali madwar l-Istati Membri. Billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li d-direttiva jkollha l-għan li tappoġġja adozzjoni ġusta u responsabbli tal-għodod ta' ġestjoni algoritmika ***u tal-IA li jistgħu jagħtu spinta lill-produttività u lill-kompetittività tal-UE***. Barra minn hekk, se ttejjeb iċ-ċarezza u l-prevedibbiltà għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, filwaqt li tarrikkixxi l-esperjenza tax-xogħol tagħhom, trawwem il-fiduċja fit-teknoloġiji diġitali, u tgħin biex jittaffew ir-riskji potenzjali assoċjati mat-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku ***u appoġġjat mill-IA*** fil-kuntesti tal-impjiegi,

Or. en

Emenda 291
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(8) Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi standards minimi komuni tal-Unjoni għall-użu tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiżgura aktar trasparenza u ċertezza legali madwar l-Istati Membri. Billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li d-direttiva jkollha l-għan li tappoġġja adozzjoni ġusta u responsabbli tal-għodod ta' ġestjoni algoritmika. Barra minn hekk, se ttejjeb iċ-ċarezza u l-prevedibbiltà ***għall-ħaddiema*** u ***għall-persuni*** li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, filwaqt li tarrikkixxi l-esperjenza tax-xogħol tagħhom, trawwem il-fiduċja fit-teknoloġiji diġitali, u tgħin biex jittaffew ir-riskji	(8) Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi standards minimi komuni tal-Unjoni għall-użu tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiżgura aktar trasparenza u ċertezza legali madwar l-Istati Membri. Billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li d-direttiva jkollha l-għan li tappoġġja adozzjoni ġusta u responsabbli tal-għodod ta' ġestjoni algoritmika. Barra minn hekk, se ttejjeb iċ-ċarezza u l-prevedibbiltà ***għall-persuni li jwettqu xogħol, inklużi l-ħaddiema*** u ***l-persuni*** li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, filwaqt li tarrikkixxi l-esperjenza tax-xogħol tagħhom, trawwem il-fiduċja fit-teknoloġiji

potenzjali assoċjati mat-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku fil-kuntesti tal-impjiegi,

diġitali, u tgħin biex jittaffew ir-riskji potenzjali assoċjati mat-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku fil-kuntesti tal-impjiegi,

Or. en

Emenda 292
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(8) Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi standards minimi komuni tal-Unjoni għall-użu tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiżgura aktar trasparenza u ċertezza legali madwar l-Istati Membri. Billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li d-direttiva jkollha l-għan li tappoġġja adozzjoni ġusta u responsabbli tal-għodod ta' ġestjoni algoritmika. Barra minn hekk, se ttejjeb iċ-ċarezza u l-prevedibbiltà għall-ħaddiema ***u għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati***, filwaqt li tarrikkixxi l-esperjenza tax-xogħol tagħhom, trawwem il-fiduċja fit-teknoloġiji diġitali, u tgħin biex jittaffew ir-riskji potenzjali assoċjati mat-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku fil-kuntesti tal-impjiegi,	(8) Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi standards minimi komuni tal-Unjoni għall-użu tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiżgura aktar trasparenza u ċertezza legali madwar l-Istati Membri. Billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li d-direttiva jkollha l-għan li tappoġġja adozzjoni ġusta u responsabbli tal-għodod ta' ġestjoni algoritmika. Barra minn hekk, se ttejjeb iċ-ċarezza u l-prevedibbiltà għall-ħaddiema, filwaqt li tarrikkixxi l-esperjenza tax-xogħol tagħhom, trawwem il-fiduċja fit-teknoloġiji diġitali, u tgħin biex jittaffew ir-riskji potenzjali assoċjati mat-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku fil-kuntesti tal-impjiegi,

Or. en

Emenda 293
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(8a) Il-kunsens abbażi tal-Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jingħata liberament u f'sitwazzjonijiet ta' żbilanċ ċar tali kunsens mogħti liberament huwa improbabbli ħafna. Għalhekk, jenħtieġ li l-kunsens ma jipprovdix bażi legali għall-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' monitoraġġ awtomatizzat jew teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, minħabba l-iżbilanċ ta' poter bejn is-suġġett tad-data u l-kontrollur fil-kuntest tal-impjiegi u l-eżekuzzjoni ta' kuntratt;

Or. en

Emenda 294
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 1	***imħassar***
Suġġett u kamp ta' applikazzjoni	
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-użu trasparenti tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	
2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur fl-Unjoni kif ukoll għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u għall-akkwirenti rilevanti ta' servizzi.	

Or. en

Emenda 295
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba,

Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi ***għall-użu trasparenti tal-ġestjoni algoritmika*** fuq il-post tax-xogħol.	1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi ***biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tad-data tal-ħaddiema billi jiġu promossi t-trasparenza, il-ġustizzja, is-sorveljanza mill-bniedem, is-sikurezza u l-obbligu ta' rendikont meta jiġu applikati sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet*** fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 296
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-użu trasparenti tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-użu trasparenti***, sikur u ġust*** tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol***, immexxija mill-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll", inklużi sistemi awtomatizzati u semiawtomatizzati bħall-intelliġenza artifiċjali***.

Or. en

Emenda 297
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi ***għall-użu trasparenti*** tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi ***biex jiġu promossi t-trasparenza, il-ġustizzja, is-sorveljanza mill-bniedem, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u l-protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza u tad-drittijiet fundamentali fl-użu tal-intelliġenza artifiċjali u*** tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 298
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi ***rekwiżiti minimi*** għall-użu trasparenti tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	1. Din id-Direttiva tistabbilixxi ***regoli għall-varar u*** għall-użu trasparenti***, ġust u nondiskriminatorju*** tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol ***u l-protezzjoni tal-ħaddiema fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom***.

Or. en

Emenda 299
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur ***fl-Unjoni*** kif ukoll għall-persuni li jaħdmu għal rashom	2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem***, b'kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi,***

mingħajr impjegati u għall-akkwirenti rilevanti ta' servizzi.	***mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fi Stat Membru,*** u ***kull*** impjegatur kif ukoll għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u għall-akkwirenti rilevanti ta' servizzi ***fis-suq uniku***.

Or. en

Emenda 300
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva ***tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur fl-Unjoni*** kif ukoll ***għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u għall-akkwirenti rilevanti ta' servizzi***.	2. Din id-Direttiva ***tistabbilixxi standards minimi biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, is-saħħa u s-sikurezza,*** kif ukoll ***il-protezzjoni tad-data individwali u kollettiva tal-persuni li jwettqu xogħol***.

Or. en

Emenda 301
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur fl-Unjoni ***kif ukoll għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u għall-akkwirenti rilevanti ta' servizzi***.	2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 302
Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur fl-Unjoni ***kif ukoll għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u għall-akkwirenti rilevanti ta' servizzi***.	2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 303
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur fl-Unjoni kif ukoll għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u ***għall-akkwirenti*** rilevanti ***ta' servizzi***.	2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur fl-Unjoni kif ukoll għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u ***għall-entitajiet kontraenti*** rilevanti.

Or. en

Emenda 304
Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva għandha tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, filwaqt li tiżgura li l-piż

amministrattiv u ta' konformità jkun xieraq għad-daqs tal-kumpanija, in-natura tat-teknoloġiji użati u l-livell ta' riskju involut, b'mod partikolari fir-rigward tal-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar.

Or. pt

Emenda 305
Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Il-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali, il-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni tapplika għal data personali pproċessata b'rabta mad-drittijiet u mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa r-Regolamenti (UE) 2016/679 jew (UE) 2018/1725, jew id-Direttivi 2002/58/KE jew (UE) 2016/680.

Or. en

Emenda 306
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Din id-Direttiva tapplika għall-postijiet tax-xogħol kollha, kemm pubbliċi kif ukoll privati, għal kull persuna li twettaq xogħol, inklużi l-ħaddiema u dawk li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, u għal impjegaturi jew għal

akkwirenti rilevanti tas-servizzi fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 307
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:	***imħassar***
1. "ġestjoni algoritmika" tfisser l-użu ta' sistemi awtomatizzati għall-monitoraġġ, is-superviżjoni, l-evalwazzjoni, jew it-teħid jew l-appoġġ ta' deċiżjonijiet b'mezzi elettroniċi, rigward il-prestazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema inklużi s-sistemi li jipproċessaw id-data personali biex jissorveljaw l-attivitajiet fl-ambjent tax-xogħol, kif ukoll is-sistemi li jieħdu jew jappoġġjaw id-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinifikanti lill-ħaddiema jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, bħall-organizzazzjoni ta' assenjazzjonijiet tax-xogħol, il-qligħ, is-sikurezza u s-saħħa, il-ħin tax-xogħol, l-aċċess għat-taħriġ, il-promozzjoni, u l-istatus kuntrattwali;	
2. "ħaddiem" tfisser persuna li titqies li għandha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, inklużi ftehimiet kollettivi u l-prattika nazzjonali;	
3. "persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati" tfisser persuna li ma għandha l-ebda kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg, u li tiddependi primarjament fuq ix-xogħol personali tagħha stess għall-forniment tas-servizzi kkonċernati;	
4. "impjegatur" tfisser persuna	

naturali jew legali bħala parti minn kuntratti tal-impiegi jew f'relazzjonijiet ta' impieg mal-ħaddiema, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali;

5. "akkwirent ta' servizzi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li hija parti għal ftehim kuntrattwali ma' persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati għall-forniment ta' servizzi jew kompiti speċifiċi.

Or. en

Emenda 308
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. "ġestjoni algoritmika" tfisser ***l-użu ta'*** sistemi awtomatizzati ***għall-monitoraġġ, is-superviżjoni, l-evalwazzjoni, jew it-teħid jew l-appoġġ ta' deċiżjonijiet b'mezzi elettroniċi, rigward il-prestazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema inklużi s-sistemi li jipproċessaw id-data personali biex jissorveljaw l-attivitajiet fl-ambjent tax-xogħol, kif ukoll is-sistemi li jieħdu jew jappoġġjaw id-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinifikanti lill-ħaddiema jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, bħall-organizzazzjoni ta' assenjazzjonijiet tax-xogħol, il-qligħ, is-sikurezza u s-saħħa, il-ħin tax-xogħol, l-aċċess għat-taħriġ, il-promozzjoni, u l-istatus kuntrattwali***;	1. "ġestjoni algoritmika" tfisser sistemi awtomatizzati ***ta' monitoraġġ u sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet***;

Or. en

Emenda 309
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. "ġestjoni algoritmika" tfisser l-użu ta' sistemi awtomatizzati ***għall-monitoraġġ, is-superviżjoni, l-evalwazzjoni, jew it-teħid jew l-appoġġ ta' deċiżjonijiet b'mezzi elettroniċi, rigward il-prestazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema inklużi s-sistemi li jipproċessaw id-data personali biex jissorveljaw l-attivitajiet*** fl-ambjent tax-xogħol***, kif ukoll is-sistemi li jieħdu jew jappoġġjaw id-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinifikanti lill-ħaddiema jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, bħall-organizzazzjoni ta' assenjazzjonijiet tax-xogħol, il-qligħ, is-sikurezza u s-saħħa, il-ħin tax-xogħol, l-aċċess għat-taħriġ, il-promozzjoni, u l-istatus kuntrattwali***;	1. "ġestjoni algoritmika" tfisser l-użu ta' sistemi awtomatizzati ***ta' monitoraġġ u sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet*** fl-ambjent tax-xogħol***;***

Or. en

Emenda 310
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 –punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. "ġestjoni algoritmika" tfisser l-użu ta' sistemi awtomatizzati għall-monitoraġġ, is-superviżjoni, l-evalwazzjoni, jew it-teħid jew l-appoġġ ta' deċiżjonijiet ***b'mezzi*** elettroniċi, rigward il-prestazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema inklużi s-sistemi li jipproċessaw id-data personali biex jissorveljaw l-attivitajiet fl-ambjent tax-xogħol, kif ukoll	1. "ġestjoni algoritmika" tfisser l-użu ta' sistemi awtomatizzati ***jew semiawtomatizzati, inkluża l-intelliġenza artifiċjali,*** għall-monitoraġġ, is-superviżjoni, l-evalwazzjoni, ***il-previżjoni*** jew it-teħid jew l-appoġġ ta' ***deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet permezz ta' mezzi*** elettroniċi, rigward il-prestazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol

is-sistemi li jieħdu jew jappoġġjaw id-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinifikanti ***lill-ħaddiema jew*** lill-persuni li ***jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati***, bħall-organizzazzjoni ta' assenjazzjonijiet tax-xogħol, il-qligħ, is-sikurezza u s-saħħa, il-ħin tax-xogħol, l-aċċess għat-taħriġ, il-promozzjoni, u l-istatus kuntrattwali;	tal-ħaddiema inklużi s-sistemi li ***jiġbru jew*** jipproċessaw id-data personali ***u kollettiva*** biex jissorveljaw l-attivitajiet fl-ambjent tax-xogħol, kif ukoll is-sistemi li jieħdu jew jappoġġjaw id-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinifikanti ***lill-persuni li jwettqu xogħol***, bħall-organizzazzjoni ta' assenjazzjonijiet tax-xogħol, il-qligħ, is-sikurezza u s-saħħa, il-ħin tax-xogħol, l-aċċess għat-taħriġ, il-promozzjoni, u l-istatus kuntrattwali***, inkluż ir-reklutaġġ u t-terminazzjoni ta' kuntratt bi kwalunkwe forma***;
	Or. en

Emenda 311
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. "ġestjoni algoritmika" tfisser l-użu ta' sistemi awtomatizzati għall-monitoraġġ, is-superviżjoni, l-evalwazzjoni, jew it-teħid jew l-appoġġ ta' deċiżjonijiet b'mezzi elettroniċi, rigward il-prestazzjoni tax-xogħol ***u l-kundizzjonijiet tax-xogħol*** tal-ħaddiema ***inklużi s-sistemi li jipproċessaw id-data personali biex jissorveljaw*** l-attivitajiet fl-ambjent tax-xogħol, kif ukoll ***is-sistemi*** li jieħdu jew jappoġġjaw id-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinifikanti lill-ħaddiema jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, ***bħall-organizzazzjoni ta' assenjazzjonijiet*** tax-xogħol, il-qligħ, is-sikurezza u s-saħħa, il-ħin tax-xogħol, l-aċċess għat-taħriġ, il-promozzjoni, u l-istatus kuntrattwali;	1. "ġestjoni algoritmika" tfisser l-użu ***jew l-appoġġ*** ta' sistemi awtomatizzati għall-monitoraġġ, is-superviżjoni, l-evalwazzjoni, jew it-teħid jew l-appoġġ ta' deċiżjonijiet b'mezzi elettroniċi, rigward il-prestazzjoni tax-xogħol tal-ħaddiema ***jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jew*** l-attivitajiet ***imwettqa*** fl-ambjent tax-xogħol ***inkluż bil-ġbir tad-data personali***, kif ukoll ***l-użu ta' sistemi awtomatizzati*** li jieħdu jew jappoġġjaw id-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinifikanti lill-ħaddiema jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, ***u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom***, ***bħall-għażla u r-reklutaġġ, l-aċċess għall-assenjazzjonijiet*** tax-xogħol ***u l-organizzazzjoni tagħhom***, il-qligħ, is-sikurezza u s-saħħa, il-ħin tax-xogħol, l-aċċess għat-taħriġ, il-promozzjoni, ***il-miżuri dixxiplinari*** u l-istatus kuntrattwali***, b'mod partikolari t-tkeċċija***;

Or. en

Emenda 312
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. "intelliġenza artifiċjali" tfisser sistema bbażata fuq magna li hija ddisinjata biex topera b'livelli differenti ta' awtonomija u li tista' turi adattabbiltà wara l-varar, u li, għal objettivi espliċiti jew impliċiti, tinferixxi, mill-input li tirċievi, kif tiġġenera outputs bħal previżjonijiet, kontenut, rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw ambjenti fiżiċi jew virtwali;

Or. en

Emenda 313
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. "sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ" tfisser sistemi li jintużaw għall-monitoraġġ, għas-superviżjoni jew għall-evalwazzjoni, permezz ta' mezzi elettroniċi, tar-reklutaġġ, tal-prestazzjoni tax-xogħol tal-haddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, jew li jappoġġjawhom; jew l-attivitajiet imwettqa fl-ambjent tax-xogħol, inkluż billi tinġabar data personali;

Or. en

Emenda 314
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. "sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ" tfisser sistemi li jintużaw għall-monitoraġġ, għas-superviżjoni jew għall-evalwazzjoni, permezz ta' mezzi elettroniċi, tal-prestazzjoni tax-xogħol jew l-attivitajiet imwettqa fl-ambjent tax-xogħol, inkluż bil-ġbir ta' data personali, jew li jappoġġjawhom;

Or. en

Emenda 315
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. "sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet" tfisser sistemi użati għat-teħid jew għall-appoġġ, permezz ta' mezzi elettroniċi, ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinifikanti lill-ħaddiema jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati inklużi l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, b'mod partikolari deċiżjonijiet li jaffettwaw ir-reklutaġġ tagħhom, l-aċċess tagħhom għall-assenjazzjonijiet tax-xogħol u l-organizzazzjoni tagħhom, il-qligħ tagħhom, inkluż il-prezz ta'

assenjazzjonijiet individwali, is-saħħa u s-sikurezza tagħhom, il-ħin tax-xogħol tagħhom, l-aċċess tagħhom għat-taħriġ, għall-promozzjoni tagħhom jew l-ekwivalenti tagħha, u l-istatus kuntrattwali tagħhom inkluż ir-restrizzjoni, is-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-istatus kuntrattwali tagħhom jew tar-relazzjoni ta' impjieg tagħhom;

Or. en

Emenda 316
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. "sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet" tfisser sistemi li jintużaw biex jittieħdu jew jiġu appoġġjati, permezz ta' mezzi elettroniċi, deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-ħaddiema u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, b'mod partikolari deċiżjonijiet li jaffettwaw ir-reklutaġġ tagħhom, l-organizzazzjoni tal-assenjazzjonijiet tax-xogħol, il-qligħ tagħhom, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tagħhom, il-ħin tax-xogħol tagħhom, il-produttività tagħhom jew l-ekwivalenti tagħha, inkluż il-ħin mistenni tat-tlestija tal-assenjazzjoni, l-aċċess tagħhom għat-taħriġ, il-promozzjoni tagħhom jew l-ekwivalenti tagħha, l-istatus kuntrattwali tagħhom u d-deċiżjonijiet ta' penalizzazzjoni;

Or. en

Emenda 317
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. "ħaddiem" tfisser persuna li titqies li għandha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, ***inklużi*** ftehimiet kollettivi ***u l-prattika nazzjonali***;	2. "ħaddiem" tfisser persuna li ***għandha jew li*** titqies li għandha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, ftehimiet kollettivi ***jew prattiki fis-seħħ f'kull Stat Membru, b'kunsiderazzjoni tal-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti tal-Ġustizzja)***;

Or. en

Emenda 318
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. "ħaddiem" tfisser persuna li titqies li għandha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit ***mil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, inklużi ftehimiet*** kollettivi ***u l-prattika nazzjonali***;	2. "ħaddiem" tfisser persuna li ***għandha jew li*** titqies li għandha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit ***mid-dritt, mill-ftehimiet*** kollettivi ***jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri b'kunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja***;

Or. en

Emenda 319
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. "ħaddiem" tfisser persuna li titqies li għandha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit ***mil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, inklużi ftehimiet*** kollettivi u l-prattika ***nazzjonali***;	2. "ħaddiem" tfisser ***kwalunkwe*** persuna li ***għandha jew li*** titqies li għandha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit ***mid-dritt, mill-ftehimiet*** kollettivi ***jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri b'kunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja***;

Or. en

Emenda 320
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. "ħaddiem" tfisser persuna li titqies li għandha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, inklużi ftehimiet kollettivi u l-prattika nazzjonali;	2. "ħaddiem" tfisser persuna li titqies li għandha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg***, skont id-dritt pubbliku jew privat,*** kif definit mil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, inklużi ftehimiet kollettivi u l-prattika nazzjonali;

Or. en

Emenda 321
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. "persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati" tfisser persuna li ma għandha l-ebda kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg, u li tiddependi primarjament fuq ix-xogħol personali	***imħassar***

tagħha stess għall-forniment tas-servizzi kkonċernati;

Or. en

Emenda 322
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. "impjegatur" tfisser persuna naturali jew legali bħala parti ***minn kuntratti tal-impiegi jew f'relazzjonijiet ta' impieg mal-ħaddiema***, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali;	4. "impjegatur" tfisser persuna naturali jew legali bħala parti ***minn kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg ma' ħaddiem***, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali;

Or. en

Emenda 323
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. "impjegatur" tfisser persuna naturali jew legali ***bħala parti minn kuntratti tal-impiegi jew f'relazzjonijiet*** ta' ***impieg mal-ħaddiema, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali***;	4. "impjegatur" tfisser ***kwalunkwe*** persuna naturali jew legali ***li għandha jew li titqies li għandha relazzjonijiet*** ta' ***impjieg mal-ħaddiem u għandha r-responsabbiltà għall-impriża u/jew għall-istabbiliment***;

Or. en

Emenda 324
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. "rappreżentanti tal-ħaddiema" tfisser ir-rappreżentanti tal-ħaddiema previsti mid-dritt u/jew mill-prattika nazzjonali;

Or. en

Emenda 325
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. "post tax-xogħol" tfisser spazji pubbliċi u privati fiżiċi jew virtwali fejn il-persuni fiżiċi jipparteċipaw fil-proċessi tal-għażla u tar-reklutaġġ jew jinvolvu ruħhom f'kompiti u responsabbiltajiet assenjati mill-impjegatur tagħhom jew, fil-każ ta' impjieg indipendenti, mill-organizzazzjoni li huma affiljati magħha inklużi postijiet fejn il-ħaddiem jitħallas, jieħu waqfa ta' mistrieħ jew ikla, jużа faċilitajiet sanitarji u faċilitajiet fejn wieħed jista' jinħasel jew ibiddel, vjaġġi, ivvjaġġar, taħriġ jew avvenimenti relatati max-xogħol, inklużi dawk li huma ffaċilitati mit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-akkomodazzjoni pprovduta mill-impjegatur;

Or. en

Emenda 326
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 –punt 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. "akkwirent ta' servizzi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li hija parti għal ftehim kuntrattwali ma' persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati għall-forniment ta' servizzi jew kompiti speċifiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 327
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. "akkwirent ta' servizzi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li hija parti għal ftehim kuntrattwali ma' persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati għall-forniment ta' servizzi jew kompiti speċifiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 328
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. "persuna li twettaq xogħol" tfisser individwu li jwettaq xogħol u li jibbaża primarjament fuq ix-xogħol personali tiegħu għall-forniment tas-servizzi kkonċernati, irrispettivament min-natura tar-relazzjoni kuntrattwali jew mid-

dežinjazzjoni ta' dik ir-relazzjoni mill-partijiet involuti, inkluži l-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati.

Or. en

Emenda 329
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. "rappreżentanti tal-ħaddiema" tfisser rappreżentanti tal-ħaddiema, bħal trade unions rikonoxxuti u rappreżentanti li huma eletti liberament jew li jinħatru mill-ħaddiema f'konformità mad-dritt u mal-prattika nazzjonali;

Or. en

Emenda 330
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. "rappreżentanti tal-ħaddiema" tfisser rappreżentanti tal-ħaddiema, bħal trade unions u rappreżentanti li huma eletti liberament mill-ħaddiema f'konformità mad-dritt u mal-prattika nazzjonali.

Or. en

Emenda 331
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. "rappreżentanti tal-ħaddiema" tfisser rappreżentanti tal-ħaddiema, bħal trade unions u rappreżentanti li huma eletti liberament mill-ħaddiema f'konformità mad-dritt u mal-prattika nazzjonali.

Or. en

Emenda 332
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. "sistema tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA)" tfisser sistema bbażata fuq magna li hija ddisinjata biex topera b'livelli differenti ta' awtonomija u li tista' turi adattabbiltà wara l-varar, u li, għal objettivi espliċiti jew impliċiti, tinferixxi, mill-input li tirċievi, kif tiġġenera outputs bħal previżjonijiet, kontenut, rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw ambjenti fiżiċi jew virtwali;

Or. en

Emenda 333
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 5d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5d. "imġiba" tfisser attivitajiet ta' persuna li twettaq xogħol b'rispons għal stimuli esterni jew interni, inklużi attivitajiet oġġettivament osservabbli, attivitajiet intrinsikament osservabbli u proċessi mhux intenzjonati.

Or. en

Emenda 334
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 5e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5e. "prinċipju ta' 'bniedem fil-kontroll'" tfisser li fi kwalunkwe sistema li tinvolvi l-awtomatizzazzjoni, is-semiawtomatizzazzjoni jew l-intelliġenza artifiċjali, il-bnedmin jeħtiġilhom iżommu l-awtorità u s-sorveljanza finali fuq il-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jiġi żgurat li s-sistemi jappoġġjaw il-ġudizzju uman minflok ma jissostitwuh jew jannullawh, filwaqt li jżommu l-obbligu ta' rendikont, il-kunsiderazzjonijiet etiċi u s-sikurezza.

Or. en

Emenda 335
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 5f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5f. "sorveljanza mill-bniedem" tfisser il-proċess għall-prevenzjoni jew għall-

minimizzazzjoni, permezz tal-prinċipju ta' "bniedem fil-kontroll", tar-riskji għas-saħħa, għas-sikurezza jew għad-drittijiet fundamentali li jistgħu jirriżultaw mill-użu ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika, f'konformità mal-iskop intenzjonat tiegħu jew skont kundizzjonijiet ta' użu ħażin raġonevolment prevedibbli, b'mod partikolari fejn tali riskji jippersistu minkejja l-applikazzjoni ta' rekwiżiti oħra biex jiġu pprevenuti.

Or. en

Emenda 336
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – punt 5g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5g. "data kollettiva" fuq il-post tax-xogħol tfisser data aggregata minn grupp ta' persuni li jwettqu xogħol u li tirrappreżenta xejriet, imġiba jew karatteristiċi analizzati fil-livell ta' grupp.

Or. en

Emenda 337
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Intermedjarji
	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr

impjegati li jkollhom relazzjoni kuntrattwali ma' intermedjarju jgawdu l-istess livell ta' protezzjoni skont din id-Direttiva bħal dawk li jkollhom relazzjoni kuntrattwali diretta ma' impjegatur jew ma' entità kontraenti. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri, f'konformità mad-dritt u mal-prattika nazzjonali, biex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa, li għandhom jinkludu, meta jkun xieraq, sistemi ta' responsabbiltà in solidum.

Or. en

Emenda 338
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 3	***imħassar***
Trasparenza u aċċess għall-informazzjoni	
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jipprovdu, rispettivament, lill-ħaddiema tagħhom u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati li magħhom għandhom kuntratt, u lir-rappreżentanti tagħhom, informazzjoni, bil-miktub, dwar l-użu jew l-użu ppjanat ta' sistemi għall-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:	
(a) dikjarazzjoni ċara li s-sistemi ta' ġestjoni algoritmika qed jintużaw jew hemm il-ħsieb li jiġu introdotti, inkluża deskrizzjoni ġenerali tal-iskop tagħhom;	
(b) il-kategoriji ta' data miġbura u pproċessata minn tali sistemi fir-rigward tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, inkluża	

d-data relatata mal-imġiba u mal-prestazzjoni tagħhom, kif ukoll it-tipi ta' azzjonijiet jew attivitajiet immonitorjati;

(c) indikazzjoni ċara ta' jekk id-data miġbura tintużax biex jitwettaq teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, u, meta applikabbli, deskrizzjoni tan-natura u l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali deċiżjonijiet.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta kif ġej:

(a) mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol għall-ħaddiema u fl-ewwel jum tal-kuntratt għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;

(b) qabel l-introduzzjoni ta' bidliet li jaffettwaw sostanzjalment il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol jew il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tax-xogħol;

(c) fi kwalunkwe ħin fuq talba tagħhom.

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta b'mod li jkun ċar u jinftiehem faċilment. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jipprovdu l-informazzjoni b'mod li jkun adattat għal-livell ta' litteriżmu diġitali raġonevolment mistenni mill-ħaddiema jew mill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati biex jifhmu, filwaqt li jiġi evitat l-użu ta' lingwaġġ tekniku jew kumpless bla bżonn.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.

5. L-għoti ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ biex il-ħaddiem jew il-persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati jwettqu

xogħolhom, jifhmu kif is-sistemi algoritmiċi jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jaffettwawhom, u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

Or. en

Emenda 339
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – titolu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Trasparenza ***u aċċess għall-informazzjoni***	Trasparenza

Or. en

Emenda 340
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jipprovdu, rispettivament, lill-ħaddiema tagħhom u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati li magħhom għandhom kuntratt***, u lir-rappreżentanti tagħhom***, ***informazzjoni***, bil-miktub, dwar l-użu jew l-użu ppjanat ta' sistemi għall-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jipprovdu, rispettivament, lill-ħaddiema tagħhom u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati li magħhom għandhom kuntratt ***jew relazzjoni ta' impjieg, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-ħaddiema***, ***u, fuq talba, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-informazzjoni meħtieġa***, bil-miktub, dwar l-użu jew l-użu ppjanat ta' sistemi għall-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 341
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi ***u l-akkwirenti ta' servizzi*** jipprovdu, rispettivament, lill-ħaddiema tagħhom ***u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati li magħhom għandhom kuntratt, u*** lir-rappreżentanti tagħhom, informazzjoni, bil-miktub, dwar l-użu jew l-użu ppjanat ta' sistemi għall-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi jipprovdu, rispettivament, lill-ħaddiema tagħhom ***u/jew*** lir-rappreżentanti tagħhom, informazzjoni, bil-miktub, dwar l-użu jew l-użu ppjanat ta' sistemi għall-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 342
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jipprovdu, rispettivament, lill-ħaddiema tagħhom u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati li magħhom għandhom kuntratt, u lir-rappreżentanti tagħhom, informazzjoni, bil-miktub, dwar l-użu jew l-użu ppjanat ta' sistemi għall-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jipprovdu, rispettivament, lill-ħaddiema tagħhom u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati li magħhom għandhom kuntratt***, jew kwalunkwe persuna li twettaq xogħol,*** u lir-rappreżentanti tagħhom, informazzjoni, bil-miktub, dwar l-użu jew l-użu ppjanat ta' sistemi għall-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 343
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-varar ta' sistemi ġodda ta' ġestjoni algoritmika, jew tali aġġornamenti għas-sistemi eżistenti, li jaffettwaw ***direttament*** ir-remunerazzjoni, l-arranġamenti tax-xogħol, jew il-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema, jitqiesu bħala deċiżjonijiet li ***x'aktarx iwasslu*** għal bidliet sostanzjali fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet kuntrattwali u bħala tali huma soġġetti għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 4(2), il-punt (c), tad-Direttiva 2002/14/KE.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-varar ta' sistemi ġodda ta' ġestjoni algoritmika, jew tali aġġornamenti għas-sistemi eżistenti, li jaffettwaw ir-remunerazzjoni, ***l-evalwazzjoni,*** l-arranġamenti ***u l-organizzazzjoni*** tax-xogħol, jew il-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema, jitqiesu bħala deċiżjonijiet li ***jwasslu*** għal bidliet sostanzjali fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet kuntrattwali u bħala tali huma soġġetti għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 4(2), il-punt (c), tad-Direttiva 2002/14/KE.

Or. en

Emenda 415
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-varar ta' sistemi ġodda ta' ġestjoni algoritmika, jew tali aġġornamenti għas-sistemi eżistenti, li jaffettwaw	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-varar ***u l-użu*** ta' sistemi ġodda ta' ġestjoni algoritmika, jew tali aġġornamenti għas-sistemi eżistenti, li

direttament ir-remunerazzjoni, l-arranġamenti tax-xogħol, jew il-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema, jitqiesu bħala deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għal bidliet sostanzjali fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet kuntrattwali u bħala tali huma soġġetti għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 4(2), il-punt (c), tad-Direttiva 2002/14/KE.	jaffettwaw direttament ir-remunerazzjoni, l-arranġamenti tax-xogħol, jew il-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema, jitqiesu bħala deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għal bidliet sostanzjali fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet kuntrattwali u bħala tali huma soġġetti għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 4(2), il-punt (c), tad-Direttiva 2002/14/KE.

Or. en

Emenda 416
Leila Chaibi, Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tas-sħab soċjali u filwaqt li titqies id-diversità tal-prattiki nazzjonali, jieħdu miżuri adegwati biex jippromwovu r-rwol tas-sħab soċjali u jinkoraġġixxu l-eżerċizzju tad-dritt għal negozjar kollettiv dwar l-użu ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, speċifikament mill-bidu tal-proċess, u matul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika użati. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti mekkaniżmi fejn l-impjegaturi, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkollhom djalogu dwar l-introduzzjoni u l-użu ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 417
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni u l-konsultazzjoni, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punti (f) u (g), tad-Direttiva 2002/14/KE, tar-rappreżentanti tal-ħaddiema tkopri wkoll deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għall-introduzzjoni jew għal bidliet sostanzjali fl-użu tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ jew tas-sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jitwettqu bl-istess arranġamenti li jikkonċernaw l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni bħal dawk stabbiliti fid-Direttiva 2002/14/KE.

Or. en

Emenda 418
Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Tali konsultazzjoni għandha tinkludi:	2. Tali konsultazzjoni għandha tinkludi***, iżda ma tkunx limitata għal***:

Or. en

Emenda 419
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Tali konsultazzjoni għandha tinkludi:	2. Tali konsultazzjoni għandha tinkludi***, fost l-oħrajn***:

Or. en

Emenda 420
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Tali konsultazzjoni għandha tinkludi:	2. Tali konsultazzjoni għandha tinkludi***, fost l-oħrajn***:

Or. en

Emenda 421
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) il-bidliet fl-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, l-iskedar, il-ħin tax-xogħol, il-flessibbiltà jew il-kontenut tax-xogħol;	(b) il-bidliet***, b'mod partikolari,*** fl-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, l-iskedar, il-ħin tax-xogħol, il-flessibbiltà, jew il-kontenut tax-xogħol;

Or. en

Emenda 422
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ba) il-bidliet li jaffettwaw ir-remunerazzjoni jew ir-relazzjonijiet kuntrattwali tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 423
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) l-effetti fuq is-saħħa u sikurezza okkupazzjonali;	(c) l-effetti fuq is-saħħa u sikurezza okkupazzjonali ***u d-drittijiet fundamentali***;

Or. en

Emenda 424
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ca) l-impatt fuq l-impjiegi u l-ħiliet;

Or. en

Emenda 425
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) ***it-tipi*** ta' data miġbura;	(d) ***il-kategoriji*** ta' data miġbura ***u pproċessata, u l-iskop tagħha***

Or. en

Emenda 426
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) it-tipi ta' data miġbura;	(d) it-tipi ta' data miġbura ***kif ukoll l-ipproċessar tagħha***;

Or. en

Emenda 427
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(da) il-kategoriji tad-deċiżjonijiet li jittieħdu jew li huma appoġġjati minn dawn is-sistemi;

Or. en

Emenda 428
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(db) il-parametri ewlenin meqjusa bħala raġunijiet għad-deċiżjonijiet u sa liema punt is-sistemi awtomatizzati ta' teħid tad-deċiżjonijiet għandhom impatt fuq id-deċiżjonijiet li jittieħdu.

Or. en

Emenda 429
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) ***il-miżuri*** fis-seħħ biex jiġi identifikat ***u*** mmitigat il-preġudizzju jew l-eżitu diskriminatorju;	(e) ***is-salvagwardji u l-miżuri*** fis-seħħ biex jiġi identifikat***, immitigat u kkoreġut*** il-preġudizzju jew l-eżitu diskriminatorju;

Or. en

Emenda 430
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) il-miżuri fis-seħħ biex ***jiġi identifikat*** u ***mmitigat il-preġudizzju*** jew ***l-eżitu diskriminatorju***;	(e) il-miżuri fis-seħħ biex ***jiġu identifikati, ipprevenuti*** u ***mmitigati l-preġudizzju*** jew ***l-eżiti diskriminatorji***;

Or. en

Emenda 431
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) il-mekkaniżmi ta' sorveljanza mill-bniedem;	(f) il-mekkaniżmi ta' sorveljanza mill-bniedem ***li għandhom l-għan li jipprevjenu jew jimminimizzaw ir-riskji għas-saħħa, għas-sikurezza jew għad-drittijiet fundamentali li jistgħu jirriżultaw mill-użu ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika***;

Or. en

Emenda 432
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) il-mekkaniżmi ta' sorveljanza mill-bniedem;	(f) il-mekkaniżmi ta' sorveljanza ***u rieżami*** mill-bniedem;

Or. en

Emenda 433
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) il-miżuri ta' taħriġ u appoġġ għall-ħaddiema ***affettwati*** u għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati affettwati.	(g) il-miżuri ta' taħriġ u appoġġ għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati affettwati ***u l-maniġers li jvaraw u jużaw tali sistemi***.

Or. en

Emenda 434
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) il-miżuri ta' taħriġ u appoġġ ***għall-ħaddiema affettwati u*** għall-persuni li ***jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati*** affettwati.	(g) il-miżuri ta' taħriġ u appoġġ għall-persuni li ***jwettqu xogħol*** affettwati.

Or. en

Emenda 435
Leila Chaibi, Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni ta' kwalunkwe għodda ġdida ta' ġestjoni algoritmika jew tal-IA fuq il-post tax-xogħol jiġu deċiżi permezz ta' kodeterminazzjoni ġusta, li tippermetti lill-partijiet joġġezzjonaw għal kwalunkwe varar ġdid jekk ikun hemm riskju ġustifikabbli għad-drittijiet tal-ħaddiema, jekk din turi preġudizzji sistemiċi jew ħsarat jew theddida għall-benesseri mentali jew fiżiku ta' persuni li jwettqu xogħol jew għas-saħħa u għas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 436
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba,

Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni u l-konsultazzjoni, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punti (f) u (g), tad-Direttiva 2002/14/KE, tar-rappreżentanti tal-ħaddiema mill-impjegaturi jkopru wkoll deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għall-introduzzjoni ta' ġestjoni algoritmika, jew għal bidliet sostanzjali fl-użu tagħha. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jiġu assistiti minn espert tal-għażla tagħhom, sa fejn ikunu jeħtieġu dan biex jeżaminaw il-kwistjoni li tkun is-suġġett tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni u biex isawru opinjoni. Meta impjegatur jew akkwirent ta' servizzi jkollu aktar minn 250 ħaddiem fl-Istat Membru kkonċernat, l-ispejjeż tal-espert għandhom jitħallsu mill-impjegatur jew mill-akkwirent ta' servizzi, dment li jkunu proporzjonati. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw il-frekwenza tat-talbiet għal espert, filwaqt li jiżguraw l-effikaċja tal-assistenza.

Or. en

Emenda 437
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jiġu assistiti minn espert tal-għażla tagħhom, sa fejn ikunu jeħtieġu dan biex jeżaminaw il-kwistjoni li tkun is-suġġett tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni u

biex isawru opinjoni. Meta impjegatur ikollu aktar minn 250 ħaddiem fl-Istat Membru kkonċernat, l-ispejjeż tal-espert għandhom jiġġarrbu mill-impjegatur, dment li jkunu proporzjonati. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw il-frekwenza tat-talbiet għal espert, filwaqt li jiżguraw l-effikaċja tal-assistenza.

Or. en

Emenda 438
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 89/391/KEE fir-rigward tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni u għad-Direttivi 2002/14/KE jew 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 439
Leila Chaibi, Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. L-investimenti meħtieġa għal dawn il-ħtiġijiet għandhom jiġu ppreżentati u diskussi mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, flimkien ma' kwalunkwe bidla materjali oħra fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew fil-prattiki tax-xogħol. L-introduzzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika fil-kumpaniji u f'organizzazzjonijiet oħra għandha tkun

parti min-negozjar kollettiv fil-livell settorjali u fil-livell tal-kumpaniji. Il-ftehimiet kollettivi għandhom jindirizzaw ukoll lill-ħaddiema fl-SMEs li għandhom imnejn ma jkollhomx rappreżentanti tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 440
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Il-kumpaniji li jixtiequ jimplimentaw għodod ta' ġestjoni algoritmika jeħtiġilhom iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt, qabel l-implimentazzjoni tal-bidliet, u fuq bażi regolari proporzjonata tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-algoritmu.

Or. en

Emenda 441
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2d. Ir-rappreżentanti ta' persuni li jwettqu xogħol għandhom id-dritt li jfittxu parir espert indipendenti biex jeżaminaw il-kwistjoni li hija s-suġġett ta' informazzjoni u konsultazzjoni biex jifformulaw id-deċiżjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 442
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Informazzjoni u konsultazzjoni
	1. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 89/391/KEE fir-rigward tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni u għad-Direttiva 2002/14/KE u għad-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (18).
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni u l-konsultazzjoni definiti fl-Artikolu 2(f) u (g)tad-Direttiva 2002/14/KE, li jitwettqu mill-impjegaturi fil-konfront tar-rappreżentanti tal-ħaddiema, ikopru wkoll deċiżjonijiet li jistgħu jwasslu għall-introduzzjoni ta' sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ jew sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet, jew għal bidliet sinifikanti fl-użu tagħhom. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom isiru abbażi tal-istess prinċipji dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni bħal dawk stabbiliti fid-Direttiva 2002/14/KE.
	3. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jiġu megħjuna minn espert tal-għażla tagħhom, sa fejn ikunu jeħtieġu dan biex jeżaminaw il-kwistjoni li tkun is-suġġett tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni u biex isawru opinjoni.
	4. Il-konsultazzjoni tista' tinkludi:
	(a) l-objettivi għall-varar jew l-aġġornament kif ukoll il-proċessi tax-xogħol u l-ħaddiema affettwati;
	(b) il-bidliet fl-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, l-iskedar, il-ħin tax-

xogħol, il-flessibbiltà jew il-kontenut tax-xogħol;

(c) l-effetti fuq is-saħħa u sikurezza okkupazzjonali;

(d) it-tipi ta' data miġbura;

(e) il-miżuri stabbiliti biex jiġi identifikat u mmitigat il-preġudizzju jew l-eżitu diskriminatorju;

(f) il-mekkaniżmi ta' sorveljanza mill-bniedem;

(g) il-miżuri ta' taħriġ u appoġġ għall-ħaddiema affettwati u għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati affettwati.

Or. pl

Emenda 443
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
Prattiki pprojbiti	
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli jipproċessaw data personali li tikkonċerna:	
(a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;	
(b) in-newrosorveljanza;	
(c) il-konverżazzjonijiet privati;	
(d) l-imġiba tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati waqt li ma jkunux fuq ix-xogħol jew meta jkunu fi kmamar privati;	
(e) il-previżjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà ta'	

assoċjazzjoni, id-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi jew id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

(f) l-inferenzi dwar l-oriġini razzjali jew etnika, l-istatus tal-migrazzjoni, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa, is-sħubija fi trade union jew l-orjentazzjoni sesswali.

2. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti prattiki li b'xi mod ieħor huma pprojbiti skont ir-Regolament (UE) 2016/679 jew ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] .

---

[10] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

Or. en

Emenda 444
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***

Prattiki pprojbiti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli jipproċessaw data personali li tikkonċerna:

(a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;

(b) in-newrosorveljanza;

(c) il-konverżazzjonijiet privati;

(d) l-imġiba tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati waqt li ma jkunux fuq ix-xogħol jew meta jkunu fi kmamar privati;

(e) il-previżjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi jew id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

(f) l-inferenzi dwar l-oriġini razzjali jew etnika, l-istatus tal-migrazzjoni, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa, is-sħubija fi trade union jew l-orjentazzjoni sesswali.

2. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti prattiki li b'xi mod ieħor huma pprojbiti skont ir-Regolament (UE) 2016/679 jew ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] .

---

[10] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza

Artifiċjali) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

Or. en

Emenda 445
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – titolu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Prattiki pprojbiti	***Limitazzjonijiet fuq l-ipproċessar ta' data personali***

Or. en

Emenda 446
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***L-Istati Membri*** għandhom ***jiżguraw li*** l-impjegaturi ***u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli jipproċessaw data personali li tikkonċerna***:	1. ***L-impjegaturi u l-entitajiet kontraenti*** għandhom ***jużaw il-mezzi l-inqas intrużivi meta jiġbru u jipproċessaw id-data għall-fini ta' ġestjoni algoritmika.*** ***Id-data personali għandha tiġi pproċessata biss għall-fini ta' ġestjoni algoritmika jekk u sa fejn l-ipproċessar ikun mill-inqas meħtieġ għat-twettiq tal-kuntratt, il-konformità ma' obbligu legali li għalih huwa soġġett il-kontrollur, sabiex jiġu protetti l-interessi vitali tas-suġġett tad-data jew ta' persuna fiżika oħra jew it-twettiq ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku kif previst fl-Artikolu***

6(b), (c), (d) u (e) tar-Regolament (UE) 2016/679.

L-impjegaturi u ***l-entitajiet kontraenti ma għandhomx:***

Or. en

Emenda 447
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli jipproċessaw data personali li tikkonċerna:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli jipproċessaw ***jew ibigħu*** data personali ***miġbura permezz ta' ġestjoni algoritmika jew intelliġenza artifiċjali*** li tikkonċerna:

Or. en

Emenda 448
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli jipproċessaw data personali li tikkonċerna:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli ***jiġbru, jaħżnu, jimmonitorjaw u*** jipproċessaw data personali li tikkonċerna:

Or. en

Emenda 449
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli jipproċessaw data personali li tikkonċerna:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli jipproċessaw data personali ***u kollettiva*** li tikkonċerna:

Or. en

Emenda 450
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli jipproċessaw data personali li tikkonċerna:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jkunu pprojbiti milli ***jiġbru u*** jipproċessaw data personali li tikkonċerna:

Or. pl

Emenda 451
Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;	(a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati ***ħlief meta l-użu tas-sistemi tal-IA jkun maħsub għal raġunijiet mediċi jew ta' sikurezza u jkun ġie miftiehem mal-ħaddiema jew mar-rappreżentanti tagħhom***;

Or. en

Emenda 452
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;	(a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati ***ħlief meta l-użu tas-sistemi tal-IA jkun maħsub li jintuża għal raġunijiet mediċi jew ta' sikurezza***;

Or. en

Emenda 453
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;	(a) ***jipproċessaw kwalunkwe data personali dwar*** l-istat emozzjonali jew psikoloġiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;

Or. en

Emenda 454
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku ***tal-ħaddiema jew*** tal-persuni li ***jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati***;	(a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku tal-persuni li ***jwettqu xogħol***;

Or. en

Emenda 455
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) ***in-newrosorveljanza***;	(b) ***jipproċessaw kwalunkwe data personali dwar l-attività konjittiva tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati***;

Or. en

Emenda 456
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) in-newrosorveljanza;	(b) in-newrosorveljanza ***u s-sorveljanza bijometrika***;

Or. en

Emenda 457
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) in-newrosorveljanza;	(b) in-newrosorveljanza ***u d-data bijometrika***;

Or. en

Emenda 458
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) ***il-konverżazzjonijiet*** privati;	(c) ***jipproċessaw kwalunkwe data personali fir-rigward ta' konverżazzjonijiet*** privati***, inkluż ma' ħaddiema oħra, persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u rappreżentanti tal-ħaddiema***;

Or. en

Emenda 459
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) il-konverżazzjonijiet privati;	(c) il-konverżazzjonijiet privati***, it-telefonati, il-posta elettronika u l-messaġġi istantanji bejn il-ħaddiema inklużi l-konverżazzjonijiet ma' rappreżentanti tal-ħaddiema***;

Or. en

Emenda 460
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) il-konverżazzjonijiet privati;	(c) il-konverżazzjonijiet privati***, għajr meta l-aċċess ikun jista' jiġi ġġustifikat minn interess leġittimu f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679***;

Or. en

Emenda 461
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) il-konverżazzjonijiet privati;	(c) il-konverżazzjonijiet privati***, inklużi skambji ma' ħaddiema oħra u rappreżentanti tal-ħaddiema***;

Or. en

Emenda 462
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) l-imġiba tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati waqt li ***ma jkunux fuq ix-xogħol jew meta jkunu fi kmamar privati***;	(d) l-imġiba tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati waqt li ***l-persuna ma tkunx qiegħda toffri jew twettaq xogħol***;

Or. en

Emenda 463
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) l-imġiba ***tal-ħaddiema jew*** tal-persuni li ***jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati*** waqt li ma jkunux fuq ix-xogħol jew meta jkunu fi ***kmamar*** privati;	(d) l-imġiba tal-persuni li ***jwettqu xogħol*** waqt li ma jkunux fuq ix-xogħol jew meta jkunu fi ***spazji*** privati;

Or. en

Emenda 464
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) ***l-imġiba tal-ħaddiema*** jew ***tal-persuni*** li jaħdmu għal rashom ***mingħajr impjegati*** waqt li ma jkunux ***fuq ix-xogħol jew meta jkunu fi kmamar privati***;	(d) ***jiġbru kwalunkwe data personali dwar il-ħaddiema*** jew ***il-persuni*** li jaħdmu għal rashom waqt li ma jkunux ***qed jaħdmu***;

Or. en

Emenda 465
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(da) sorveljanza sigrieta bil-kamera fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 466
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(db) monitoraġġ kontinwu u intruživ li ma jkunx raġonevoli, meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħaq objettiv leġittimu definit minn qabel b'mod partikolari:
	i. sorveljanza bil-webcam u bis-CCTV, traċċar tat-tasti u tal-maws, ibbrawżjar tal-web, użu tal-applikazzjonijiet, reġistrazzjoni tal-iskrin jew trekkjar ta' vetturi, GPS u apparat mobbli mingħajr ma tintwera n-neċessità;
	ii. trekkjar tal-lokalizzazzjoni f'ħin reali barra mis-sigħat tax-xogħol jew lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-kompiti;
	iii. il-ġbir ta' data fiżjoloġika, finanzjarja jew medika;

Or. en

Emenda 467
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) il-previżjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi jew id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet	(e) il-previżjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali***, permezz ta' data individwali u kollettiva***, inklużi l-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi jew id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni kif

Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;	stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 468
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) ***il-previżjoni tal-eżerċizzju*** tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi jew id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;	(e) ***jipproċessaw kwalunkwe data personali biex ibassru l-eżerċizzju*** tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi jew id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 469
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) l-inferenzi dwar l-oriġini razzjali jew etnika, l-istatus tal-migrazzjoni, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa, is-sħubija fi trade union ***jew*** l-orjentazzjoni sesswali.	(f) l-inferenzi dwar l-oriġini razzjali jew etnika, l-istatus tal-migrazzjoni, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa, ***inkluż l-istatus tal-mard kroniku jew tal-HIV,*** is-sħubija fi trade union***, il-ħajja sesswali,*** l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru***, l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess***.

Or. en

Emenda 470
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) l-inferenzi dwar l-oriġini razzjali jew etnika, l-istatus tal-migrazzjoni, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa, is-sħubija fi trade union jew l-orjentazzjoni sesswali.	(f) l-inferenzi dwar l-oriġini razzjali jew etnika, l-istatus tal-migrazzjoni, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa, ***inkluż l-istatus tal-mard kroniku jew tal-HIV,*** is-sħubija fi trade union ***jew l-identità tal-ġeneru, il-ħajja sesswali*** jew l-orjentazzjoni sesswali.

Or. en

Emenda 471
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) ***l-inferenzi dwar*** l-oriġini razzjali jew etnika, l-istatus tal-migrazzjoni, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa, is-sħubija fi trade union jew l-orjentazzjoni sesswali.	(f) ***jipproċessaw kwalunkwe data personali biex jiddeduċu*** l-oriġini razzjali jew etnika, l-istatus tal-migrazzjoni, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa, ***inkluż l-istatus tal-mard kroniku jew tal-HIV,*** is-sħubija fi trade union***, il-ħajja sesswali*** jew l-orjentazzjoni sesswali.

Or. en

Emenda 472
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) l-inferenzi dwar l-oriġini razzjali jew etnika, ***l-istatus tal-migrazzjoni,*** l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa***,*** is-sħubija fi trade union ***jew l-orjentazzjoni sesswali***.	(f) l-inferenzi dwar l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa ***jew*** is-sħubija fi trade union.

Or. en

Emenda 473
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(fa) jagħmlu użu mill-identifikazzjoni bijometrika obbligatorja;

Or. en

Emenda 474
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(fb) jipproċessaw data bbażata fuq il-bijometrija;

Or. en

Emenda 475
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ma jipproċessawx data oħra li jospitaw, bħal numri tas-sigurtà soċjali, dettalji bankarji, data bijometrika jew firem elettroniċi.

Or. pl

Emenda 476
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Dan l-Artikolu għandu japplika għal kull ħaddiem u persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati mill-bidu tal-proċedura ta' reklutaġġ jew ta' għażla.

Or. en

Emenda 477
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. L-użu ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika ma jridx jikser ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà rigward l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea

f'konformità mad-Direttiva 2003/88/KE.

Or. pl

Emenda 478
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Dan l-Artikolu għandu japplika għal kull ħaddiem jew persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati mill-bidu tal-proċedura ta' reklutaġġ jew ta' għażla.

Or. en

Emenda 479
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Minbarra s-sistemi ta' ġestjoni algoritmika, dan l-Artikolu għandu japplika wkoll meta l-impjegaturi jew l-akkwirenti ta' servizzi jużaw sistemi awtomatizzati li jieħdu jew jappoġġjaw deċiżjonijiet li b'xi mod jaffettwaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Or. en

Emenda 480
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Sorveljanza u rieżami mill-bniedem	
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jżommu sorveljanza effettiva mill-bniedem f'kull ħin tas-sistemi kollha ta' ġestjoni algoritmika varati fuq il-post tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jiddeżinjaw, u jinfurmaw lill-ħaddiema, lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, u lir-rappreżentanti tagħhom, b'dan, lill-entità responsabbli għall-monitoraġġ tal-funzjonament u l-impatt ta' tali sistemi, inkluża l-konformità ta' tali sistemi mal-istandards legali, tas-saħħa u tas-sikurezza u etiċi applikabbli, kif ukoll għar-rieżami tad-deċiżjonijiet tagħhom.	
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, fuq talba, ikollhom id-dritt li jiksbu mingħand l-impjegatur jew mingħand l-akkwirent ta' servizzi, spjegazzjoni orali jew bil-miktub dwar kwalunkwe deċiżjoni li taffettwa l-aspetti essenzjali tar-relazzjoni tal-impjieg jew kuntrattwali tagħhom, inklużi l-allokazzjoni tal-kompiti, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, l-iskedar tal-ħin tax-xogħol, ir-remunerazzjoni, u l-miżuri dixxiplinari, meta kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' tali kwistjonijiet tkun ittieħdet jew tkun ġiet influwenzata b'mod sostanzjali minn sistema algoritmika.	
L-ispjegazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta fi żmien raġonevoli u f'format li jkun aċċessibbli u li jinftiehem mill-ħaddiem jew mill-persuna li taħdem għal rasha mingħajr	

impjegati kkonċernati.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-bidu jew it-terminazzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg jew kuntrattwali, it-tiġdid jew in-nuqqas ta' tiġdid ta' ftehim kuntrattwali, u kwalunkwe bidla fir-remunerazzjoni ma jittiħdux biss abbażi tal-ġestjoni algoritmika. Tali deċiżjonijiet għandhom ikunu soġġetti wkoll għal rieżami u determinazzjoni finali minn superviżur uman.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jkunu jistgħu jitolbu lill-impjegatur jew lill-akkwirent ta' servizzi jiskatta rieżami tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fis-seħħ fejn ikun hemm tħassib ġustifikat li tali sistemi juru preġudizzji jew ħsarat sistemiċi jew joħolqu theddida għall-benesseri mentali jew fiżiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jew għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 481
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Sorveljanza ***u rieżami*** mill-bniedem	Sorveljanza mill-bniedem

Or. en

Emenda 482
Kim Van Sparrentak

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu -1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-entitajiet kontraenti jissorveljaw u, bl-involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema, regolarment, u fi kwalunkwe każ kull sentejn, iwettqu evalwazzjoni tal-impatt tad-deċiżjonijiet individwali meħuda jew appoġġjati minn sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, inkluż, meta jkun applikabbli, fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u t-trattament ugwali fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 483
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u ***l-akkwirenti ta' servizzi*** jżommu sorveljanza ***effettiva*** mill-bniedem f'kull ħin ***tas-sistemi*** kollha ta' ġestjoni algoritmika varati fuq il-post tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-impjegaturi u ***l-akkwirenti ta' servizzi*** jiddeżinjaw, u jinfurmaw lill-ħaddiema, lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, u lir-rappreżentanti tagħhom, b'dan, ***lill-entità*** responsabbli għall-monitoraġġ tal-funzjonament u l-impatt ta' tali sistemi, inkluża l-konformità ta' tali sistemi mal-istandards legali, tas-saħħa u tas-sikurezza	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u ***l-entitajiet kontraenti*** jżommu sorveljanza ***u evalwazzjoni effettivi*** mill-bniedem f'kull ħin ***tad-deċiżjonijiet*** kollha ***meħuda jew appoġġjati minn sistemi*** ta' ġestjoni algoritmika varati fuq il-post tax-xogħol, ***inkluż billi jiżguraw riżorsi umani suffiċjenti***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-impjegaturi u ***l-entitajiet kontraenti*** jiddeżinjaw, u jinfurmaw lill-ħaddiema, lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, u lir-rappreżentanti tagħhom, b'dan, ***lill-persuna*** responsabbli għall-monitoraġġ tal-

u etiċi applikabbli, kif ukoll għar-rieżami tad-deċiżjonijiet tagħhom.

funzjonament u l-impatt ta' tali sistemi, inkluża l-konformità ta' tali sistemi mal-istandards legali, tas-saħħa u tas-sikurezza u etiċi applikabbli, kif ukoll għar-rieżami tad-deċiżjonijiet tagħhom. ***Il-persuni inkarigati bil-funzjoni tas-sorveljanza u tal-evalwazzjoni għandu jkollhom il-kompetenza, it-taħriġ u l-awtorità meħtieġa biex jeżerċitaw dik il-funzjoni, inkluż li jipprevalu fuq deċiżjonijiet awtomatizzati. Dawk il-persuni għandhom igawdu minn protezzjoni mit-tkeċċija jew l-ekwivalenti tagħha, minn miżuri dixxiplinari u minn trattament negattiv ieħor fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.***

Or. en

Emenda 484
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jżommu sorveljanza effettiva mill-bniedem f'kull ħin tas-sistemi kollha ta' ġestjoni algoritmika varati fuq il-post tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jiddeżinjaw, u jinfurmaw lill-ħaddiema, lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, u lir-rappreżentanti tagħhom, b'dan, ***lill-entità*** responsabbli għall-monitoraġġ tal-funzjonament u l-impatt ta' tali sistemi, inkluża l-konformità ta' tali sistemi mal-istandards legali, tas-saħħa u tas-sikurezza u etiċi applikabbli, kif ukoll ***għar-rieżami tad-deċiżjonijiet tagħhom***.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jżommu sorveljanza effettiva mill-bniedem f'kull ħin tas-sistemi kollha ta' ġestjoni algoritmika ***żviluppati u*** varati fuq il-post tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jiddeżinjaw, u jinfurmaw lill-ħaddiema, lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, u lir-rappreżentanti tagħhom, b'dan, ***lill-persuna*** responsabbli għall-monitoraġġ tal-funzjonament u l-impatt ta' tali sistemi, inkluża l-konformità ta' tali sistemi mal-istandards legali, tas-saħħa u tas-sikurezza u etiċi applikabbli, kif ukoll ***għad-dritt li jintalab rieżami li fih ir-rieżaminaturi umani jkunu involuti b'mod sinifikattiv***.

Il-persuni inkarigati mill-impjegatur jew mill-akkwirent ta' servizzi bil-funzjoni ta' sorveljanza u evalwazzjoni għandu jkollhom il-kompetenza, it-taħriġ u l-awtorità meħtieġa biex jeżerċitaw dik il-funzjoni, inkluż li jipprevalu fuq deċiżjonijiet awtomatizzati. Dawk il-persuni għandhom igawdu minn protezzjoni mit-tkeċċija jew l-ekwivalenti tagħha, minn miżuri dixxiplinari u minn trattament negattiv ieħor fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

Or. en

Emenda 485
Marlena Mąląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
ġestjoni algoritmika għas-sikurezza u s-saħħa tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli ta' aċċidenti relatati max-xogħol, riskji psikosoċjali u ergonomiċi ***kif ukoll pressjoni żejda fuq il-ħaddiema***;	ġestjoni algoritmika għas-sikurezza u s-saħħa tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli ta' aċċidenti relatati max-xogħol, riskji psikosoċjali u ergonomiċi;

Or. en

Emenda 527
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) jevalwaw ir-riskji ***tas-sistema*** ta' ġestjoni algoritmika għas-sikurezza u s-saħħa ***tagħhom***, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli ta' aċċidenti relatati max-xogħol, riskji psikosoċjali u ergonomiċi ***kif ukoll pressjoni żejda fuq il-ħaddiema***;	(a) jevalwaw ir-riskji ***tas-sistemi*** ta' ġestjoni algoritmika jew ***tal-intelliġenza artifiċjali*** għas-sikurezza u s-saħħa ***tal-ħaddiema***, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli ta' aċċidenti relatati max-xogħol, riskji psikosoċjali u ergonomiċi;

Or. en

Emenda 528
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) jivvalutaw jekk is-salvagwardji ta' dawk is-sistemi humiex xierqa għar-riskji identifikati meta jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-ambjent tax-xogħol;	(b) jivvalutaw jekk is-salvagwardji ***obbligatorji*** ta' dawk is-sistemi humiex xierqa għar-riskji identifikati meta jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-ambjent tax-xogħol;

Or. en

Emenda 529
Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ba) jimmonitorjaw u jirrieżaminaw l-impatti fuq is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali ta' tali sistemi matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inklużi r-rapportar u s-segwitu tal-inċidenti;

Or. en

Emenda 530
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) jintroduċu miżuri preventivi u ta' protezzjoni xierqa.	(c) jintroduċu miżuri preventivi u ta' protezzjoni xierqa ***jew jistgħu jirtiraw l-varar ta' tali sistema jekk l-ebda waħda minnhom ma tkun effettiva***.

Or. en

Emenda 531
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-impjegaturi SMEs jistgħu jiġu eżentati mill-obbligi skont il-punti (a) sa (c), sakemm ir-rappreżentanti tal-ħaddiema ma jitolbux b'mod espliċitu li jitwettqu tali valutazzjonijiet.

Or. en

Emenda 532
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. F'dan ir-rigward, is-sistemi awtomatizzati jew semiawtomatizzati ta' monitoraġġ ma għandhomx jintużaw jekk dan ipoġġi pressjoni żejda fuq il-ħaddiema jew inkella ipoġġi f'riskju s-sikurezza u s-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema. F'każijiet li fihom l-impatti ma jkunux jistgħu jiġu mmitigati, l-Istati Membri għandhom jillimitaw jew jipprojbixxu l-użu ta' sistemi li jipproduċu dawn l-impatti.

Or. en

Emenda 533
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Fir-rigward tar-rekwiżiti stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-pjattaformi tax-xogħol diġitali għandhom jiżguraw informazzjoni u konsultazzjoni effettivi u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u/jew tar-rappreżentanti tagħhom f'konformità mal-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 89/391/KEE.

Or. en

Emenda 534
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. L-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi ma għandhomx jużaw sistemi ta' ġestjoni algoritmika b'mod li ssir pressjoni żejda fuq il-ħaddiema jew fuq il-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jew inkella jpoġġi f'riskju s-sikurezza u s-saħħa fiżika u mentali tagħhom.

Or. en

Emenda 535
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. L-impjegaturi ma għandhomx jużaw sistemi ta' ġestjoni algoritmika jew tal-intelliġenza artifiċjali b'mod li jpoġġi pressjoni żejda fuq il-ħaddiema jew li b'xi mod ieħor ipoġġi f'riskju s-sikurezza u s-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 536
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. L-impjegaturi u l-fornituri tas-servizzi ma għandhomx jużaw sistemi ta' ġestjoni algoritmika b'mod li jpoġġi pressjoni żejda fuq il-ħaddiema, iwassal għal intensifikazzjoni żejda tax-xogħol jew ammonti tax-xogħol mhux tajbin għas-saħħa jew li b'xi mod ieħor ipoġġi f'riskju s-sikurezza u s-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 537
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Sabiex jiġu żgurati s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, inkluż mill-vjolenza u mill-fastidju, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti jieħdu miżuri preventivi, inkluż li jipprovdu mezzi ta' rappurtar effettivi.

Or. en

Emenda 538
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. F'każijiet li fihom l-impatti negattivi minn sistemi ta' ġestjoni algoritmika ma jistgħux jiġu mmitigati, l-Istati Membri għandhom jillimitaw jew jipprojbixxu l-użu ta' sistemi jew funzjonijiet li jipproduċu dawn l-impatti.

Or. en

Emenda 539
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1d. L-impjegaturi u l-akkwirent ta' servizzi għandhom jiżguraw li l-ħaddiema, il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u r-rappreżentanti tagħhom jiġu infurmati u kkonsultati b'mod ċar u aċċessibbli dwar l-introduzzjoni, il-funzjonament u l-finijiet ta' tali sistemi, u r-riskji assoċjati għas-saħħa u s-sikurezza. Huma għandhom jippermettu lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom jipparteċipaw fil-monitoraġġ u fir-rieżami kontinwi tal-impatti fuq is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali ta' tali sistemi.

Or. en

Emenda 540
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Promozzjoni tan-negozjar kollettiv dwar il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali fuq il-post tax-xogħol
	L-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tas-sħab soċjali u filwaqt li titqies id-diversità tal-prattiki nazzjonali, jieħdu miżuri adegwati biex jippromwovu r-rwol tas-sħab soċjali u jinkoraġġixxu l-eżerċizzju tad-dritt għal negozjar kollettiv dwar il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 541
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Taħriġ obbligatorju
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta d-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi jkunu jirrikjedu li impjegatur jipprovdi t-taħriġ lil ħaddiem biex ikun jista' jwettaq ix-xogħol li jkun ġie impjegat għalih, dan it-taħriġ għandu jingħata lill-ħaddiem mingħajr ħlas, jgħodd bħala ħin tax-xogħol u, meta jkun possibbli, għandu jsir waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Or. en

Emenda 542
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 7b
	Appoġġ lill-SMEs
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-provvista ta' gwida mfassla apposta u mekkaniżmi ta' appoġġ dedikati biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw b'mod effettiv l-obbligi tagħhom relatati mas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika u tal-intelliġenza artifiċjali skont din id-direttiva.

Or. en

Emenda 543
Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti	
1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-ispettorati tax-xogħol rispettivi tagħhom il-kompitu li jissorveljaw l-użu sikur u nondiskriminatorju tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	
2. L-ispettorati tax-xogħol għandhom jingħataw il-kompitu li jimmonitorjaw, jikkontrollaw u jivvalutaw:	
(a) is-sikurezza tas-sistemi algoritmiċi użati f'kuntesti ta' impjieg, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tagħhom	

fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema;

(b) li ma jkunx hemm preġudizzju u diskriminazzjoni fit-tfassil, fil-varar jew fil-funzjonament ta' tali sistemi;

(c) l-impatt tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-ħin tax-xogħol u l-pressjoni tal-prestazzjoni fuq il-ħaddiema;

(d) il-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva u ma' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni u nazzjonali, inklużi dispożizzjonijiet relatati mas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u t-trattament ugwali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispettorati tax-xogħol tagħhom jingħataw riżorsi, setgħat u għarfien espert tekniku adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 544
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti	
1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-ispettorati tax-xogħol rispettivi tagħhom il-kompitu li jissorveljaw l-użu sikur u nondiskriminatorju tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	
2. L-ispettorati tax-xogħol għandhom jingħataw il-kompitu li jimmonitorjaw, jikkontrollaw u jivvalutaw:	

(a) is-sikurezza tas-sistemi algoritmiċi użati f'kuntesti ta' impjieg, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema;

(b) li ma jkunx hemm preġudizzju u diskriminazzjoni fit-tfassil, fil-varar jew fil-funzjonament ta' tali sistemi;

(c) l-impatt tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-ħin tax-xogħol u l-pressjoni tal-prestazzjoni fuq il-ħaddiema;

(d) il-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva u ma' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni u nazzjonali, inklużi dispożizzjonijiet relatati mas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u t-trattament ugwali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispettorati tax-xogħol tagħhom jingħataw riżorsi, setgħat u għarfien espert tekniku adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 545
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu -1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1a. L-awtorità superviżorja jew l-awtoritajiet superviżorji responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-monitoraġġ u għall-infurzar ta' din id-Direttiva sa fejn huma kkonċernati kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-Kapitoli VI, VII u VIII tar-

Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 546
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħtu ***lill-ispettorati*** tax-xogħol ***rispettivi*** tagħhom il-kompitu li jissorveljaw l-użu sikur ***u*** nondiskriminatorju tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	1. L-Istati Membri għandhom jagħtu ***lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, lill-awtoritajiet*** tax-xogħol ***u lill-korpi tal-ugwaljanza*** tagħhom***, meta jkun rilevanti,*** il-kompitu li jissorveljaw l-użu sikur ***tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol u l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema u t-trattament ugwali, b'mod partikolari*** l-użu nondiskriminatorju tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 547
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom ***jagħtu lill-ispettorati*** tax-xogħol ***rispettivi tagħhom il-kompitu li*** jissorveljaw l-użu ***sikur u nondiskriminatorju*** tas-sistemi ***ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-***	1. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li l-ispettorati*** tax-xogħol ***jew l-awtoritajiet nazzjonali ekwivalenti jistgħu, meta jkun xieraq u proporzjonat,*** jissorveljaw l-użu tas-sistemi ***algoritmiċi, mingħajr ma jidduplikaw il-kontrolli jew***

xogħol.	***il-mekkaniżmi ta' konformità eżistenti skont id-dritt nazzjonali***.

Or. en

Emenda 548
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-ispettorati tax-xogħol rispettivi tagħhom il-kompitu li jissorveljaw l-użu sikur u nondiskriminatorju tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-ispettorati tax-xogħol rispettivi tagħhom il-kompitu li jissorveljaw l-użu sikur u nondiskriminatorju tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***u tal-intelliġenza artifiċjali*** fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 549
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-ispettorati tax-xogħol rispettivi tagħhom il-kompitu li jissorveljaw l-użu sikur u nondiskriminatorju tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-ispettorati tax-xogħol rispettivi tagħhom il-kompitu li jissorveljaw l-użu ***trasparenti,*** sikur u nondiskriminatorju tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 550
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom, meta jkun rilevanti, jikkooperaw fl-infurzar ta' din id-Direttiva fil-limiti tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Għal dak l-iskop, dawk l-awtoritajiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti ma' xulxin, inkluża l-informazzjoni miksuba fil-kuntest tal-ispezzjonijiet jew tal-investigazzjonijiet, meta tintalab jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess.

Or. en

Emenda 551
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. L-ispettorati tax-xogħol għandhom jingħataw il-kompitu li jimmonitorjaw, jikkontrollaw u jivvalutaw:	***imħassar***
(a) is-sikurezza tas-sistemi algoritmiċi użati f'kuntesti ta' impjieg, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema;	
(b) li ma jkunx hemm preġudizzju u diskriminazzjoni fit-tfassil, fil-varar jew fil-funzjonament ta' tali sistemi;	
(c) l-impatt tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-ħin tax-xogħol u l-pressjoni tal-prestazzjoni fuq il-ħaddiema;	
(d) il-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva u ma' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni u nazzjonali,	

inklużi dispożizzjonijiet relatati mas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u t-trattament ugwali.

Or. en

Emenda 552
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) is-sikurezza tas-sistemi algoritmiċi użati f'kuntesti ta' impjieg, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema;	(a) is-sikurezza tas-sistemi algoritmiċi użati f'kuntesti ta' impjieg, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa fiżika u mentali ***u d-drittijiet fundamentali*** tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 553
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) l-impatt tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-ħin tax-xogħol ***u l-pressjoni*** tal-prestazzjoni fuq il-ħaddiema;	(c) l-impatt tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-ħin tax-xogħol***, il-pressjoni*** tal-prestazzjoni fuq il-ħaddiema***, ir-remunerazzjoni, il-miżuri dixxiplinari li jaffettwaw il-karriera tal-ħaddiem jew il-bidla jew it-terminazzjoni tar-relazzjoni kuntrattwali***;

Or. en

Emenda 554
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) l-impatt ***tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika*** fuq il-ħin tax-xogħol u l-pressjoni tal-prestazzjoni fuq il-ħaddiema;	(c) l-impatt ta' ***tali sistemi*** fuq il-ħin tax-xogħol u l-pressjoni tal-prestazzjoni fuq il-ħaddiema;

Or. en

Emenda 555
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispettorati tax-xogħol tagħhom jingħataw riżorsi, setgħat u għarfien espert tekniku adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispettorati tax-xogħol tagħhom jingħataw riżorsi, setgħat u għarfien espert tekniku adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv. ***Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu taħriġ xieraq għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u jipprevedu d-disponibbiltà ta' għarfien espert tekniku fil-qasam tal-ġestjoni algoritmika, biex tali awtoritajiet ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom.***

Or. pl

Emenda 556
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispettorati tax-xogħol tagħhom jingħataw riżorsi, setgħat u	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw***, bi kwalunkwe mezz u mingħajr ebda restrizzjoni mogħtija direttament jew***

għarfien espert tekniku adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv.

indirettament mill-awtoritajiet tal-UE li l-ispettorati tax-xogħol tagħhom jingħataw riżorsi, setgħat u għarfien espert tekniku adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 557
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-ispettorati tax-xogħol tagħhom*** jingħataw riżorsi, setgħat u għarfien espert tekniku adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, f'konformità mad-dritt jew mal-prattika nazzjonali*** jingħataw riżorsi, setgħat u għarfien espert tekniku adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 558
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Promozzjoni ta' negozjar kollettiv
	1. L-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tas-sħab soċjali u f'konformità mad-dritt u mal-prattika nazzjonali, jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw l-involviment effettiv tas-sħab soċjali, permezz ta'

diskussjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tas-sħab soċjali u filwaqt li titqies id-diversità tal-prattiki nazzjonali, jieħdu miżuri adegwati biex jippromwovu r-rwol tas-sħab soċjali u jinkoraġġixxu l-eżerċizzju tad-dritt għal negozjar kollettiv dwar miżuri li jiżguraw l-użu trasparenti tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ħaddiema fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom.

Or. en

Emenda 559
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Dritt għal rimedju
	Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 79 u 82 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, inklużi dawk li r-relazzjoni ta' impjieg jew relazzjoni kuntrattwali oħra tagħhom intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni għat-tilwim f'waqtha, effettiva u imparzjali u għad-dritt għal rimedju, inkluż kumpens xieraq għad-dannu mġarrab, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżulta minn din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 560
Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Monitoraġġ, kontroll u infurzar
	L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-monitoraġġ, għall-kontroll u għall-infurzar tal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva u għandhom jieħdu miżuri effettivi f'konformità mad-dritt jew mal-prattika nazzjonali biex jiżguraw l-użu sikur u nondiskriminatorju ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti jew, meta jkun xieraq, mas-sħab soċjali.

Or. en

Emenda 561
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Dritt għal rimedju
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema jew il-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, inklużi dawk li r-relazzjoni ta' impjieg jew relazzjoni kuntrattwali oħra tagħhom intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni għat-tilwim f'waqtha, effettiva u imparzjali u għad-dritt għal rimedju, inkluż kumpens xieraq għad-dannu mġarrab, fil-każ ta'

ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżulta minn din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 562
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Superviżjoni, implimentazzjoni u penali
	1. L-awtorità superviżorja responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 għandha tkun responsabbli wkoll għall-monitoraġġ u għall-infurzar tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva sa fejn huma kkonċernati kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-Kapitoli VI, VII u VIII tar-Regolament (UE) 2016/679.
	2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra għandhom, meta jkun rilevanti, jikkooperaw fl-infurzar ta' din id-Direttiva, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'mod partikolari fejn jitqajmu mistoqsijiet dwar l-impatt tas-sistemi awtomatizzati jew semi-awtomatiċi ta' monitoraġġ u tas-sistemi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-persuni li jwettqu xogħol. Għal dak l-iskop, dawk l-awtoritajiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti ma' xulxin, inkluża l-informazzjoni miksuba fil-kuntest tal-ispezzjonijiet jew tal-investigazzjonijiet, meta tintalab jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess.
	3. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-

Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jew id-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ dwar id-drittijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

4. Il-penali għandhom ikunu effettivi, dissważivi u proporzjonati għan-natura, għall-gravità u għat-tul ta' żmien tal-ksur tal-impriża, għall-għadd ta' persuni li jwettqu xogħol affettwati u għall-fatturat nett tal-kumpanija.

Or. en

Emenda 563
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b
	Proċeduri f'isem il-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, u b'appoġġ tagħhom
	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati msemmija f'din id-direttiva, u l-entitajiet legali li, f'konformità mad-dritt jew mal-prattika nazzjonali, għandhom interess leġittimu fid-difiża tad-drittijiet tagħhom, ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva biex jinfurzaw kwalunkwe wieħed mid-drittijiet jew mill-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali rappreżentanti u entitajiet legali jkunu jistgħu jaġixxu f'isem ħaddiem, wieħed jew diversi, u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, imsemmija f'din id-Direttiva, jew b'appoġġ għalihom, fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva, f'konformità mad-dritt u mal-prattika nazzjonali.

Or. en

Emenda 564
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b
	Klawżola ta' nonrigressjoni
	1. Din id-Direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni diġà mogħti lill-persuni li jwettqu xogħol fl-Istati Membri.
	2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew li jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli għall-persuni li jwettqu xogħol, jew li jħeġġu jew jippermettu l-applikazzjoni tal-ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli għall-persuni li jwettqu xogħol, f'konformità mal-objettivi ta' din id-Direttiva.
	3. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ieħor mogħti lill-persuni li jwettqu xogħol minn atti legali oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 565
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b
	Penali
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva jew id-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ dwar id-drittijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-ogħla limitu għall-multi amministrattivi msemmi fl-Artikolu 83(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jkun applikabbli għall-ksur ta' din id-Direttiva.
	2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iqisu kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti rilevanti applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-ksur.
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li japplikaw penali speċifiċi fil-każ ta' ksur ripetut tad-drittijiet u tal-obbligi f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 566
Johan Danielsson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b

Negozjar kollettiv

Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, il-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lis-sħab soċjali jżommu, jinnegozjaw, jikkonkludu u jinfurzaw ftehimiet kollettivi, f'konformità mad-dritt jew mal-prattika nazzjonali, li jistabbilixxu arranġamenti dwar l-aspetti kollha tal-introduzzjoni, tal-implimentazzjoni u tal-użu ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, li għandhom imnejn ivarjaw minn dawk imsemmija f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 567
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b
	Protezzjoni kontra trattament jew konsegwenzi negattivi
	L-Istati Membri għandhom jintroduċu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu lill-haddiema u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u lir-rappreżentanti tagħhom, minn kwalunkwe konsegwenza negattiva li tirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bil-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 568
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8c
	Dritt għal rimedju u protezzjoni kontra trattament jew konsegwenzi negattivi
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mingħajr preġudizzju għal forom speċifiċi ta' rimedju u soluzzjoni tat-tilwim previsti, meta jkun applikabbli, fi ftehimiet kollettivi, il-ħaddiema, inklużi dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva, f'waqtha u imparzjali u dritt għal rimedju, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet relatati mal-użu trasparenti tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ħaddiema fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom.
	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tal-ħaddiema, inkluż dawk li huma membri jew rappreżentanti tat-trade unions jew, minn kwalunkwe trattament negattiv mill-impjegatur u minn kwalunkwe konsegwenza negattiva li tirriżulta minn ilment imressaq quddiem l-impjegatur jew li tirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bil-għan li tiġi infurzata l-konformità fil-każ ta' ksur tad-drittijiet relatati mad-drittijiet u mal-obbligi f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 569
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8c
	Nonrigressjoni u dispożizzjonijiet aktar favorevoli
	1. Din id-Direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni diġà mogħti lill-ħaddiema fl-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-proċeduri stabbiliti għad-determinazzjoni tal-istatus fl-impjieg korrett ta' persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi kif ukoll il-prerogattivi eżistenti tar-rappreżentanti tagħhom.
	2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew li jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema, jew li jħeġġu jew jippermettu l-applikazzjoni tal-ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema, f'konformità mal-objettivi ta' din id-Direttiva.
	3. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ieħor mogħti lill-ħaddiema jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati minn atti legali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 570
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8c
	Aċċess għall-evidenza
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-proċedimenti li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-qrati nazzjonali jew l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jordnaw lill-impjegatur jew lill-akkwirent ta' servizzi jiżvela kwalunkwe evidenza rilevanti li tkun tinsab fil-kontroll tiegħu.
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali jkollhom is-setgħa li jordnaw l-iżvelar ta' evidenza li jkun fiha informazzjoni kunfidenzjali meta jikkunsidrawha rilevanti għall-proċedimenti. Huma għandhom jiżguraw li, meta jordnaw l-iżvelar ta' din l-informazzjoni, il-qrati nazzjonali jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom miżuri effettivi biex jipproteġu din l-informazzjoni.

Or. en

Emenda 571
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8d
	Protezzjoni mit-tkeċċija u oneru tal-provi
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxu t-tkeċċija jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha għat-tkeċċija tal-ħaddiema għal raġuni li jkunu eżerċitaw

id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

2. Ħaddiema li jikkunsidraw li jkunu tkeċċew, jew li kienu soġġetti għal miżuri b'effett ekwivalenti, għal raġuni li jkunu eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva, jistgħu jitolbu lill-impjegatur jipprovdi raġunijiet debitament sostanzjati għat-tkeċċija jew il-miżuri ekwivalenti. L-impjegatur għandu jagħti dawk ir-raġunijiet bil-miktub.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-ħaddiema msemmija fil-paragrafu 2 jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità jew korp kompetenti ieħor, fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien hemm tkeċċija ta' dan it-tip jew il-miżuri ekwivalenti, għandu jkun l-impjegatur li juri li t-tkeċċija kienet ibbażata fuq raġunijiet differenti minn dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jintroduċu regoli ta' evidenza li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema li jistitwixxu proċedura amministrattiva jew proċedimenti fil-qorti rigward allegat ksur ta' kwalunkwe wieħed mid-drittijiet jew l-obbligi relatati mad-drittijiet u l-obbligi f'din id-Direttiva.

5. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa li japplikaw il-paragrafu 3 għal proċedimenti fejn hija l-qorti jew awtorità jew korp kompetenti ieħor li għandu jinvestiga l-fatti tal-każ.

6. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għal proċedimenti kriminali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Istat Membru.

Or. en

Emenda 572
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes,

Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8d
	Protezzjoni kontra trattament jew konsegwenzi negattivi
	L-Istati Membri għandhom jintroduċu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu lill-ħaddiema u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, inklużi dawk li huma r-rappreżentanti tagħhom, minn kwalunkwe konsegwenza negattiva li tirriżulta minn ilment imressaq lill-impjegatur u lill-akkwirent ta' servizz jew li tirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bil-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 573
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8e
	Protezzjoni mit-tkeċċija
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxu t-tkeċċija jew it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jew azzjoni ekwivalenti, u t-tħejjijiet kollha għalihom fuq il-bażi li eżerċitaw id-drittijiet previsti

f'din id-Direttiva.

2. Il-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati li jqisu li tkeċċew, li l-kuntratt tagħhom ġie tterminat jew li kienu soġġetti għal kwalunkwe azzjoni b'effett ekwivalenti, minħabba li jkunu eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva, jistgħu jitolbu lill-impjegatur jew lill-akkwirent ta' servizzi jipprovdi raġunijiet debitament sostanzjati għat-tkeċċija, it-terminazzjoni tal-kuntratt jew kwalunkwe azzjoni ekwivalenti. L-impjegatur jew l-akkwirent ta' servizzi għandu jipprovdi dawn ir-raġunijiet bil-miktub mingħajr dewmien żejjed.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-ħaddiem jew il-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati msemmija fil-paragrafu 2 jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità jew korp kompetenti ieħor, fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien hemm din it-tkeċċija, it-terminazzjoni ta' kuntratt jew azzjoni ekwivalenti, għandu jkun l-impjegatur jew l-akkwirent ta' servizzi li juri li t-tkeċċija, it-terminazzjoni ta' kuntratt jew azzjoni ekwivalenti kienet ibbażata fuq raġunijiet differenti minn dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa li japplikaw il-paragrafu 3 għal proċedimenti fejn hija l-qorti jew awtorità jew korp kompetenti ieħor li għandu jinvestiga l-fatti tal-każ.

5. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għal proċedimenti kriminali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Istat Membru.

Or. en

Emenda 574
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes,

Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8f
	Superviżjoni u penali
	1. L-awtorità superviżorja jew l-awtoritajiet superviżorji responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-monitoraġġ u għall-infurzar tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva sa fejn huma kkonċernati kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-Kapitoli VI, VII u VIII tar-Regolament (UE) 2016/679.
	2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra għandhom, meta jkun rilevanti, jikkooperaw fl-infurzar ta' din id-Direttiva, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'mod partikolari meta jitqajmu mistoqsijiet relatati mas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika dwar il-ħaddiema. Għal dak l-iskop, dawk l-awtoritajiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti ma' xulxin, inkluża l-informazzjoni miksuba fil-kuntest tal-ispezzjonijiet jew tal-investigazzjonijiet, meta tintalab jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess.
	3. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkooperaw permezz tal-iskambju ta' informazzjoni rilevanti u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni tal-preżunzjoni legali, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
	4. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 kif imsemmi fil-paragrafu 1, u d-deċiżjonijiet potenzjali bbażati fuq l-

Artikolu 7, il-paragrafu 2 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jew id-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ dwar id-drittijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-penali għandhom ikunu effettivi, dissważivi u proporzjonati għan-natura, għall-gravità u għat-tul ta' żmien tal-ksur tal-impriża u għall-għadd ta' ħaddiema affettwati.

Or. en

Emenda 575
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8g
	Negozjar u azzjoni kollettivi
	1. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jippermettu lis-sħab soċjali jżommu, jinnegozjaw, jikkonkludu u jinfurzaw ftehimiet kollettivi jew li jieħdu azzjoni kollettiva f'konformità mad-dritt jew mal-prattika nazzjonali li tipprevedi regoli aktar speċifiċi jew addizzjonali dwar l-użu ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol sakemm jissodisfaw jew jaqbżu r-rekwiżiti minimi stabbiliti f'din id-Direttiva.
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sħab soċjali jkunu involuti b'mod adegwat fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-politiki u tal-miżuri li

jikkonċernaw is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika.

Or. en

Emenda 576
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 8h
	Klawżola ta' nonrigressjoni u dispożizzjonijiet aktar favorevoli
	L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandha, fl-ebda ċirkostanza, tikkostitwixxi raġunijiet għal tnaqqis fil-livell ta' protezzjoni diġà mogħtija mill-Istati Membri fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

Or. en